32000R1520

15.7.2000 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 177/1

# IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1520/2000

## tat-13 Lulju 2000

## li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammont ta' dawk ir-rifużjonijiet

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 tas-6 Diċembru 1993 li jistabbilixxi l-arranġamenti tal-kummerċ applikabbli għal ċerti oġġetti li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' prodotti agrikoli [1], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 8(3) ta' l-istess,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1222/94 tat-30 Mejju 1994 [2], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 701/2000 [3], stabbilixxa regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammonti ta' dawk ir-rifużjonijiet. Billi dan ir-Regolament ġie emendat ħmistax-il darba, ir-Regolament (KE) Nru 1222/94 għandu issa jiġi miktub mill-ġdid għal raġunijiet ta' ċarezza meta jsiru tibdiliet ġodda.

(2) Ir-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-bajd, ċereali, ross, ħalib u prodotti tal-ħalib, u zokkor jipprovdu li, sal-punt meħtieġ biex jippermetti li l-prodotti agrikoli in kwistjoni jiġu esportati fil-forma ta' ċerti oġġetti pproċessati mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat skond il-bażi ta' kwotazzjonijiet tas-suq dinji jew prezzijiet għal dawk il-prodotti, id-differenza bejn dawk il-kwotazzjonijiet jew prezzijiet fl-Unjoni Ewropea tista' tiġi koperta b'rifużjoni ta' l-esportazzjoni.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 [4] jistabbilixxi regoli ġenerali għall-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat, u l-kriterji għall-iffissar ta' l-ammont ta' dawk ir-rifużjonijiet. Madankollu, il-mod li dawn l-arranġamenti japplikaw għal oġġetti mhux koperti bl-Anness I jeħtieġ li jiġi ċċarat.

(4) L-Artikolu 11 tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura anness mal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ jistabbilixxi li r-rifużjonijiet mogħtija fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli inkorporati f'oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat m'għandhomx jeċċedu r-rifużjonijiet li għandhom jitħallsu fuq dawk il-prodotti meta jiġu esportati fl-istat mhux mibdul. Għandu jittieħed kont ta' dan meta r-rati ta' rifużjoni jiġu ffissati u r-regoli ta' assimilazzjoni jiġu definiti.

(5) Il-lamtu tal-patata huwa assimilat ma' lamtu tal-qamħirrum. Madankollu, għandu jkun possibbli li tiġi ffissata rata speċifika ta' rifużjoni għall-lamtu tal-patata f'sitwazzjonijiet tas-suq fejn il-prezz tiegħu jkun b'mod sinifikanti inqas minn dak tal-lamtu tal-qamħirrum.

(6) Dawk l-oġġetti jistgħu jinkisbu direttament minn prodotti bażiċi, minn prodotti miksuba mill-ipproċessar ta' prodotti bażiċi, jew minn prodotti assimilati ma' xi waħda minn dawn il-kategoriji. Għandhom jiġu stabbiliti regoli biex jiġi stabbilit l-ammont tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni f'kull wieħed minn dawn il-każijiet.

(7) Diversi oġġetti mmanifatturati minn impriża taħt kondizzjonijiet tekniċi definiti b'mod ċar u li jkollhom karatteristiċi u kwalità kostanti jsegwu mudell regolari ta' l-esportazzjoni. Sabiex jittaffew il-formalitajiet ta' l-esportazzjoni, għandha tiġi adottata proċedura simplifikata għal dawk l-oġġetti li permezz tagħha l-fabbrikant jikkomunika lill-awtoritajiet kompetenti dik l-informazzjoni li dawn ta' l-aħħar iqisu li hija meħtieġa fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-manifattura ta' l-oġġetti.

(8) Il-kontenut tal-prodott agrikolu tal-biċċa l-kbira ta' l-oġġetti esportati x'aktarx li jvarja. L-ammont tar-rifużjoni għandu għalhekk jiġi stabbilit skond il-bażi tal-kwantitajiet tal-prodotti agrikoli effettivament użati fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati. Madankollu, għal ċerti oġġetti ta' kompożizzjoni sempliċi u relattivament kostanti, l-ammont tar-rifużjoni għandu, għall-ħeffa ta' l-amministrazzjoni, jiġi stabbilit skond il-bażi ta' kwantitajiet iffissati ta' prodotti agrikoli. Meta dawn il-kwantitajiet jiġu reġistrati ma' l-awtoritajiet kompetenti, għandu jsir provvediment għall-konferma annwali ta' dik ir-reġistrazzjoni sabiex jitnaqqsu r-riskji assoċjati man-nuqqas li jiġu kkomunikati tibdiliet fil-kwantitajiet ta' prodotti użati biex jiġu manifatturati l-oġġetti in kwestjoni.

[1] ĠU L 318, ta' l-20.12.1993, p. 18.
[2] ĠU L 136, tal-31.5.1994, p. 5.
[3] ĠU L 83, ta' l-4.4.2000, p. 6.
[4] ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.

(9) Fin-nuqqas ta' prova li ebda rifużjoni tal-produzzjoni ma tkun inġħatat skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 tat-30 ta' Ġunju 1993 li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru1766/92 u (KEE) Nru 1418/76 dwar rifużjonijet tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u r-ross rispettivament [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 87/1999 [2], jew skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1010/86 tal-25 Marzu 1986 li jistabbilixxi regoli ġenerali għar-rifużjoni tal-produzzjoni fuq ċerti prodotti taz-zokkor użati fl-industrija tal-kimika [3], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/98 [4], ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandha tiġi mnaqqsa bl-ammont tar-rifużjoni tal-produzzjoni applikabbli fid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni. Din hija l-unika sistema li tevita r-riskju ta' frodi.

(10) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 ta' l-4 Marzu 1980 dwar il-ħlas bil-quddiem tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fir-rigward ta' prodotti agrikoli [5], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2026/83 [6], u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/1999 tal-15 April 1999 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni fuq prodotti agrikoli [7], stabbilew sistema għall-ħlas bil-quddiem ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni li għandhom jiġu meqjusa meta jiġu aġġustati r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni.

(11) Għandhom jittieħdu miżuri sabiex tiġi żgurata konformità stretta ma' l-impenji tal-Komunità. Barra minn hekk, dawn il-miżuri m'għandhomx jimponu limitazzjonijiet żejda fuq l-operaturi.

(12) Il-patti ta' ftehim milħuqa skond l-Artikolu 300 tat-Trattat jillimitaw l-ammont tar-rifużjonijiet li jistgħu jingħataw f'kull sena tal-*budget*. Għandu jkun possibbli li jiġu esportati oġġetti mhux koperti bl-Anness II tat-Trattat taħt kondizzjonijiet li jkunu magħrufa minn qabel; b'mod partikolari, għandu jkun possibbli li tinkiseb assikurazzjoni li dawn l-oġġetti esportati huma eliġibbli għal rifużjoni kompatibbli ma' l-impenji tal-Komunità taħt il-patti ta' ftehim, jew fejn dan ma jistax aktar ikun il-każ, li tingħata informazzjoni dwar l-istess fi żmien biżżejjed minn qabel; barra minn hekk, il-ħruġ taċ-ċertifikati jagħmilha possibbli li l-applikazzjonijiet għal rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni jiġu segwiti mill-qrib u li tingħata garanzija li r-rifużjonijiet jistgħu jitħallsu lid-detenturi taċ-ċertifikat sa l-ammont ddikjarat fuq iċ-ċertifikat, sakemm id-detentur taċ-ċertifikat iħares il-kondizzjonijiet l-oħra għar-rifużjonijiet stabbiliti fir-regoli tal-Komunità.

(13) Dawn il-Patti ta' Ftehim jirrigwardaw il-prodotti agrikoli kollha esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat. Dawn il-prodotti jinkludu ċerti ċereali esportati fil-forma ta' xorb alkoħoliku li ssir referenza għalih fl-Artikolu 13(5) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 [8]. Ir-Regolament (KEE) Nru 2825/93 [9], kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 3098/94 [10], jistabbilixxi ċerti regoli ddettaljati għal dawk iċ-ċereali. L-għoti ta' rifużjonijiet fuq il-prodotti agrikoli kollha esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat għandu jkun soġġett għal regoli komuni.

(14) Hemm probabbiltà kbira li l-applikazzjonijiet għaċ-ċertifikat jaslu għal ammonti akbar minn dawk li jistgħu jingħataw. Is-sena għandha għalhekk tiġi maqsuma f'perjodi sabiex iċ-ċertifikati jistgħu jkunu disponibbli kemm għall-operaturi li jesportaw fl-aħħar tas-sena tal-*budget* u għal dawk li jesportaw fil-bidu tas-sena tal-*budget*. Fejn ikun xieraq, koeffiċjent ta' tnaqqis għandu jiġi applikat għall-ammonti kollha mitluba.

(15) Il-kondizzjonijiet għar-rilaxx tal-garanzija fir-rigward ta' ċertifikati soġġetti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2220/85 tat-22 ta' Lulju 1985 li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' garanziji għal prodotti agrikoli [11], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1932/1999 tad-9 Settembru 1999 [12], għandhom jiġu stabbiliti.

[1] ĠU L 159, ta' l-1.7.1993, p. 112.
[2] ĠU L 9, tal-15.1.1999, p. 8.
[3] ĠU L 94, tad-9.4.1986, p. 9.
[4] ĠU L 265, tat-30.9.1998, p. 8.
[5] ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.
[6] ĠU L 199, tat-22.7.1983, p. 12.
[7] ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.
[8] ĠU L 181, ta' l-1.7.1992, p. 21.
[9] ĠU L 258, tas-16.10.1993, p. 6.
[10] ĠU L 328, ta' l-20.12.1994, p. 12.
[11] ĠU L 205, tat-3.8.1985, p. 5.
[12] ĠU L 240, ta' l-10.9.1999, p. 11.

(16) Ċerti tipi ta' oġġetti esportati m'humiex soġġetti għal limiti fuq il-ħlas ta' rifużjonijiet bħala riżultat ta' impenji internazzjonali li tkun daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea. Dawk l-oġġetti esportati għandhom ikunu ħielsa minn kull obbligu li jiġi ppreżentat ċertifikat ta' rifużjoni.

(17) Il-biċċa l-kbira ta' l-esportaturi jirċevu inqas minn 50000 ewro fis-sena f'rifużjonijiet. Meħuda flimkien, dawn l-oġġetti esportati jifformaw biss parti żgħira mill-ammont totali ta' rifużjonijiet mogħtija fuq prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti. Għandu jkun possibbli li dawk l-oġġetti esportati jiġu eżentati mill-ħtieġa li jiġi ppreżentat ċertifikat.

(18) Xi esportaturi jwieġbu għal sejħiet għall-offerti maħruġa minn pajjiżi terzi li jkunu qed jimportaw. Jekk l-offerta tagħhom ma tiġix milqugħa, dawk l-esportaturi għandhom ikunu jistgħu jnaqqsu l-ammont li jkunu warrbu għall-offerta tagħhom mill-ammont kopert biċ-ċertifikat tagħhom, mingħajr ma jbatu xi penali.

(19) Ċertifikati ta' rifużjoni jservu biex jiżguraw il-konformità ma' l-impenji li tkun daħlet għalihom l-Unjoni Ewropea fil-konfront ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ; jagħmluha wkoll possibbli li tiġi stabbilita minn qabel ir-rifużjoni li tista' tingħata fuq prodotti agrikoli użati fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati lejn pajjiżi terzi. Dan l-iskop ivarja, f'ċerti aspetti, mill-objettivi tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa għal prodotti bażiċi esportati fl-istat mhux mibdul li huma soġġetti għal impenji fil-konfront ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ li jinvolvu restrizzjonijiet kwantitattivi. Huwa għalhekk neċessarju li jiġi speċifikat liema dispożizzjonijiet ġenerali applikabbli għal-liċenzji u ċertifikati agrikoli, fil-preżent stabbiliti bir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 [1] li jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' liċenzji ta' l-importazzjoni u esportazzjoni u ċertifikati ta' ftehim minn qabel għal prodotti agrikoli.

(20) L-amministrazzjoni ta' l-ammonti tar-rifużjonijiet li jistgħu jingħataw matul sena tal-*budget* fuq ċerti prodotti agrikoli esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat tista' tirriżulta fi ħtieġa li jiġu ffissati rati differenti għal oġġetti esportati bi jew mingħajr l-iffissar bil-quddiem tar-rata ta' rifużjoni skond il-bażi ta' l-iżviluppi fis-swieq tal-Komunità u tad-dinja.

(21) Għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti għall-osservazzjoni mill-qrib, ibbażati fuq il-prinċipju li l-esportatur jiddikjara lill-awtoritajiet kompetenti, kull darba li jiġu esportati oġġetti, il-kwantitajiet ta' prodotti użati biex ġew manifatturati l-oġġetti esportati. L-awtoritajiet kompetenti huma responsabbli sabiex jieħdu kull miżura li jidhrilhom neċessarja sabiex jivverifikaw ir-reqqa ta' dawk id-dikjarazzjonijiet.

(22) B'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fih l-oġġetti jkunu ġew manifatturati, l-operaturi għandhom jitħallew jagħmlu dikjarazzjoni simplifikata tal-prodotti użati, fil-forma ta' kwantitajiet miġbura ta' dawn il-prodotti, sakemm iżommu rekord dettaljat tal-prodotti użati u jqegħduha għad-dispożizzjoni ta' l-imsemmija awtoritajiet.

(23) M'huwiex dejjem possibbli għall-esportatur, partikolarment jekk ma jkunx il-fabbrikant, li jkun jaf il-kwantitajiet preċiżi ta' prodotti agrikoli użati li fuqhom jista' jitlob rifużjoni. Għalhekk, l-esportatur mhux dejjem ikun jista' jiddikjara dawk il-kwantitajiet. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi provdut metodu alternattiv ta' kalkolu tar-rifużjoni li l-persuna involuta tista' titlob li jiġi applikat, ristrett għal ċerti oġġetti, ibbażat fuq l-analiżi tal-kimika ta' dawn l-oġġetti, u bl-użu ta' tabella ta' konverżjoni mħejjija għal dan l-iskop. Meta dan il-metodu ta' kalkolu jintuża għal ċerti oġġetti elenkati fl-Anness tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93, l-oriġini tal-lamtu użat ma jkunx magħruf. Rifużjoni tal-produzzjoni tista' tkun ingħatat fir-rigward ta' dak il-lamtu; dawn l-oġġetti ma jistgħux għalhekk ikunu s-suġġett ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni fuq il-lamtu.

(24) L-awtoritajiet responsabbli sabiex jivverifikaw id-dikjarazzjoni ta' l-esportatur jistgħu ma jkollhomx provi biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jaċċettaw id-dikjarazzjoni tal-kwantitajiet użati, anke jekk din tkun ibbażata fuq analiżi kimika. Sitwazzjonijiet bħal dawn x'aktarx li partikolarment jinħolqu meta l-oġġetti li jkunu sejrin jiġu esportati jkunu ġew manifatturati fi Stat Membru li ma jkunx l-Istat li jkun qed jesporta. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li jkun qed jesporta għandhom ikunu jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jiksbu direttament mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra l-informazzjoni kollha li dawn l-awtoritajiet ta' l-aħħar ikunu jistgħu jiksbu fir-rigward tal-kondizzjonijiet tal-manifattura ta' l-oġġetti.

(25) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2571/97 tal-15 ta' Diċembru 1997 dwar il-bejgħ ta' butir bi prezzijiet imnaqqsa u l-għoti ta' għajnuna għall-krema, butir u butir konċentrat għall-użu fil-manifattura ta' prodotti ta' l-għaġina, ġelat u oġġetti oħra ta' l-ikel [2] jawtorizza li l-butir u l-krema bi prezzijiet imnaqqsa jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' industriji li jimmanifatturaw ċerti oġġetti. Għandu jittieħed kont ta' dan meta r-rifużjonijiet jiġu kkalkolati skond il-bażi ta' l-analiżi kimika.

[1] ĠU L 152, ta' l-24.6.2000, p. 1.

[2] ĠU L 350, ta' l-20.12.1997, p. 3.

(26) Huwa mixtieq li tiġi żgurata l-applikazzjoni b'mod uniformi fl-Unjoni Ewropea kollha tad-dispożizzjonijiet dwar l-għoti ta' rifużjonijiet fuq oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat. Għal dak l-iskop, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra, permezz tal-Kummissjoni, bl-arranġamenti għall-osservazzjoni mill-qrib applikati fit-territorju tiegħu għad-diversi tipi ta' oġġetti esportati.

(27) L-Artikolu 31(10), (11) u (12) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u prodotti tal-ħalib [1] jistabbilixxi l-kondizzjonijiet li għandhom jiġu mħarsa qabel tingħata rifużjoni fuq ċerti prodotti tal-ħalib li jkunu ġew importati u mbagħad esportati mill-ġdid fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat.

(28) Għandhom jiġu meqjusa ż-żieda fil-kwantitajiet ta' ċerti prodotti tal-ħalib importati b'tariffa mnaqqsa taħt patti ta' ftehim milħuqa ma' ċerti pajjiżi li m'humiex membri u l-possibbiltà li tingħata rifużjoni ta' l-esportazzjoni ogħla minn dik it-tariffa mnaqqsa.

(29) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq li għandhom x'jaqsmu ma' l-għoti ta' rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, dawk ir-rifużjonijiet m'għandhomx jingħataw fuq prodotti minn pajjiżi li m'humiex membri użati fil-manifattura ta' l-oġġetti li jiġu esportati wara li jkunu f'ċirkolazzjoni ħielsa fl-Unjoni Ewropea

(30) Il-koeffiċjenti applikabbli meta tiġi stabbilita r-rifużjoni fuq ċerti prodotti agrikoli pproċessati għandha tiġi stabbilita u r-rifużjoni għal kull 100 kg ta' prodotti użati għandha tiġi ppubblikata.

(31) Il-Kumitat ta' Tmexxija dwar mistoqsijiet orizzontali dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli pproċessati mhux elenkati fl-Anness I tat-Trattat ma tax opinjoni fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-president tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli komuni ddettaljati għall-applikazzjoni tas-sistema ta' l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi elenkati fl-Anness A (minn hawn 'il quddiem imsejħa "prodotti bażiċi"), ta' prodotti mnissla mill-ipproċessar ta' l-istess, jew ta' prodotti assimilati ma' waħda minn dawk iż-żewġ kategoriji b'mod konformi mal-paragrafu 3, meta dawn id-diversi prodotti jiġu esportati fil-forma ta' oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat iżda elenkati, kif jista' jkun il-każ:

— fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 [2],

— fl-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92,

— fl-Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 [3],

— fl-Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 [4],

— fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2038/1999 [5],

Dawk l-oġġetti, li huma elenkati fl-Annessi B u Ċ ta' dan ir-Regolament, huma minn issa 'l quddiem imsejħa "oġġetti".

2. Għall-iskop ta' dan ir-Regolament:

(a) "perjodu tal-*budget*" ifisser il-perjodu mill-1 ta' Ottubru ta' sena sat-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara;

(b) "ċertifikat" jew "ċertifikat ta' rifużjoni" ifisser iċ-ċertifikat imħejji skond l-Artikoli 6 sa 14, validu fl-Unjoni Ewropea kollha u maħruġ mill-Istati Membri lil kull applikant, ikun xi jkun il-lok ta' l-istabbiliment tiegħu fl-Unjoni Ewropea. Iċ-ċertifikat ta' rifużjoni għandu jiggarantixxi l-ħlas tar-rifużjoni, sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 jiġu mħarsa. Jista' jinkludi l-iffissar minn qabel tar-rati ta' rifużjoni. Iċ-ċertifikati għandhom ikunu validi għal perjodu ta' *budget* wieħed biss;

(ċ) "il-Ftehim" ifisser il-Ftehim dwar l-Agrikoltura milħuq matul id-Dikjarazzjoni ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ;

(d) "għajnuna bl-ikel" tfisser operazzjonijiet ta' għajnuna bl-ikel li jħarsu l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(4) tal-Ftehim.

[1] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.

[2] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 49.
[3] ĠU L 329, tat-30.12.1995, p. 18.
[4] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
[5] ĠU L 252, tal-25.9.1999, p. 1.

3. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) il-lamtu tal-patata li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1108 13 00 prodott direttament mill-patata, minbarra prodotti li ġejjin minnu, għandu jiġi assimilat ma' prodott miksub mill-ipproċessar tal-qamħirrum;

(b) ix-xorrox li jaqa' taħt il-kodiċi NM 0404 10 48 sa 0404 10 62 mhux ikkonċentrat, sew jekk iffriżat jew le, għandu jiġi assimilat ma' xorrox tat-trab elenkat fl-Anness A (*PG*1);

(ċ) — ħalib u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 11, 0403 90 51 u 0404 90 21, mhux ikkonċentrati u anqas ma fihom zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, sew jekk iffriżati jew le, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, li ma jeċċedix il-0,1 %

u

— ħalib u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 11, 0403 90 11 u 0404 90 21, fi trab, granuli jew forom oħra solidi, li ma fihomx zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, sa 1,5 %

għandhom jiġu assimilati ma' trab tal-ħalib xkumat elenkat fl-Anness A (*PG* 2);

(d) — ħalib, krema u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 11, 0403 10 13, 0403 90 51, 0403 90 53, 0404 90 21 u 0404 90 23 mhux ikkonċentrati u anqas ma fihom zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, sew jekk iffriżati jew le, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, li jeċċedi l-0,1 % iżda ma jeċċedix is-6 %

u

— ħalib, krema u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 11, 0403 10 13, 0403 10 19, 0403 90 13, 0403 90 19, 0404 90 23 u 0404 90 29 fi trab, granuli jew forom oħra solidi, li ma fihomx zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, li jeċċedi l-1,5 % iżda inqas minn 45 %

għandhom jiġu assimilati ma' trab tal-ħalib sħiħ elenkat fl-Anness A (*PG*3);

(e) — ħalib, krema u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 19, 0403 90 59, 0404 90 23 u 0404 90 29, mhux ikkonċentrati u anqas ma fihom zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, li jeċċedi s-6 %

— ħalib, krema u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 19, 0403 90 19 u 0404 90 29, fi trab, granuli jew forom oħra solidi, li ma fihomx zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda, b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, ta' mhux inqas minn 45 %

u

— butir u xaħmijiet oħra tal-ħalib b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib, skond il-piż, li m'huwiex 82 % iżda mhux inqas minn 62 %, li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0405 10, 0405 20 90, 0405 90 10, 0405 90 90

għandhom jiġu assimilati ma' butir elenkat fl-Anness A (*PG* 6);

(f) — ħalib, krema u prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0403 10 11 sa 0403 10 19, 0403 90 51 sa 0403 90 59 u 0404 90 21 sa 0404 90 29, ikkonċentrati, minbarra fi trab, granuli jew forom oħra solidi, li ma jkunx fihom zokkor jew sustanza oħra ta' ħlewwa miżjuda

u

— ġobon

għandu jiġi assimilat ma':

(i) trab tal-ħalib xkumat elenkat fl-Anness A (*PG*2) fir-rigward tal-parti bla xaħam tal-kontenut tal-materja xotta tal-prodott assimilat

u

(ii) butir li ssir referenza għalih fl-Anness A (*PG*6) għall-parti tax-xaħam tal-ħalib tal-prodott assimilat.

(g) ross mingħajr il-ħliefa li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 20 għandu jiġi assimilat ma' ross miħun kollu li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1006 30 61 sa 1006 30 98;

(h) zokkor mix-xitla tal-pitravi jew kannamiela mhux raffinat li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 11 90 jew il-kodiċi NM 1701 12 90 u li jkunu fih, fl-istat xott, mill-inqas 92 % skond il-piż ta' sukrożju stabbilit bil-metodu polarimetriku,

— zokkor li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 91 00 jew 1701 99 90,

— il-prodotti kollha li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament (KE) Nru 2038/1999, eskluż taħlitiet miksuba parzjalment bl-użu ta' prodotti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 1766/92,

— il-prodotti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1)(f) u (g) tar-Regolament (KE) Nru 2038/1999, eskluż taħlitiet miksuba parzjalment bl-użu ta' prodotti koperti bir-Regolament (KEE) Nru 1766/92,

li jissodisfaw il-kondizzjonijiet ta' eliġibbiltà għal rifużjoni stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2038/1999 u fir-Regolament (KE) Nru 2135/95 [1] meta jiġu esportati mhux ipproċessati għandhom jiġu assimilati maz-zokkor abjad li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 10.

[1] ĠU L 214, tat-8.9.1995, p. 16.

4. Madankollu, jekk il-parti hekk titlob, bi ftehim ma' l-awtorità kompetenti, il-prodotti tal-ħalib li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 3(d) għandhom jiġu assimilati ma':

(i) trab tal-ħalib xkumat li ssir referenza għalih fl-Anness A (*PG2*) għall-parti bla xaħam tal-kontenut tal-materja xotta tal-prodott assimilat

u

(ii) butir li ssir referenza għalih fl-Anness A (*PG6*) għall-parti tax-xaħam tal-ħalib tal-prodott assimilat.

*Artikolu 2*

L-ammont tar-rifużjoni mogħti għall-kwantità, stabbilit skond l-Artikolu 3, ta' kull wieħed mill-prodotti bażiċi esportati fil-forma ta' l-istess tip ta' oġġett għandu jiġi miksub billi din il-kwantità tiġi mmultiplikata bir-rata tar-rifużjoni fuq il-prodott bażiku kkalkolata għal kull unità ta' piż b'mod konformi ma' l-Artikolu 4.

Madankollu, fil-każ ta' taħlitiet ta' D-*glucitol* (*sorbitol*) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2905 44 u 3824 60, meta l-parti involuta ma thejjix id-dikjarazzjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 16(1) li tagħti l-informazzjoni meħtieġa mir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 16(4) jew meta ma tipprovdix dokumentazzjoni sodisfaċenti biex issostni d-dikjarazzjoni tiegħu, ir-rata ta' rifużjoni fuq dawn it-taħlitiet għandha tkun dik għall-prodott bażiku li għalih tapplika r-rata l-aktar baxxa ta' rifużjoni.

Meta, b'mod konformi ma' l-Artikolu 4(3), jistgħu jiġu stabbiliti rati differenti ta' rifużjonijiet għal prodott bażiku partikolari, għandu jiġi kkalkolat ammont separat għal kull waħda mill-kwantitajiet tal-prodott bażiku li għalih ikun hemm rata differenti ta' rifużjoni.

Meta jintużaw oġġetti fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati, ir-rata ta' rifużjoni li għandha tittieħed meta jiġi kkalkolat l-ammont li japplika għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi, għal prodotti miksuba mill-ipproċessar ta' l-istess, jew għal prodotti assimilati ma' wieħed minn dawk iż-żewġ kategoriji b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3) li ġew użati fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati, għandha tkun ir-rata applikabbli meta l-oġġetti msemmijin l-ewwel jiġu esportati mhux ipproċessati.

*Artikolu 3*

1. Fir-rigward ta' l-oġġetti elenkati fl-Anness B, il-kwantità ta' kull wieħed mill-prodotti bażiċi li għandha tittieħed fil-kalkolu ta' l-ammont tar-rifużjoni għandha tiġi stabbilita kif ġej, ħlief meta ssir referenza għall-Anness Ċ jew fejn japplika t-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 16 (3):

(a) fil-każ ta' l-użu, ta' prodott bażiku jew ta' prodott assimilat, mhux ipproċessat, il-kwantità għandha tkun dik li effettivament tkun intużat fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati, waqt li jittieħed kont tas-segwenti rati ta' konverżjoni:

— 6,06 kg tal-prodott pilota ta' Grupp 1 għandhom jikkorrispondu għal 100 kg ta' xorrox assimilat għal dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3)(b),

— 9,1 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 2 għandhom jikkorrispondu għal 100 kg ta' prodotti tal-ħalib assimilati għal dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-ewwel talba uffiċjali ta' l-Artikolu 1(3)(ċ),

— 1,01 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 2 għandhom jikkorrispondu mal-parti mingħajr xaħam ta' 100 kg ta' prodotti tal-ħalib assimilati ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(f) jew l-Artikolu 1(4)(i) kull 1 % skond il-piż ta' materja xotta mingħajr xaħam li tkun tinsab fil-prodott tal-ħalib in kwestjoni,

— 0,8 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 2 għandhom jikkorrispondu mal-parti mingħajr xaħam ta' 100 kg ta' ġobon assimilat ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(f) kull 1 % skond il-piż ta' materja xotta mingħajr xaħam li tkun tinsab fil-ġobon,

— 3,85 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 3 għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ta' wieħed mill-prodotti tal-ħalib assimilati ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3)(d) b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib fil-materja xotta ta' mhux aktar minn 27 % skond il-piż kull 1 % skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib li jkun jinsab fil-prodott tal-ħalib in kwistjoni.

Madankollu, fuq talba tal-parti involuta, 3.85 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 3 għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ta' ħalib likwidu assimilat ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(d) b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib fil-ħalib likwidu li ma jeċċedix it-3,2 % skond il-piż kull 1 % skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib li jkun jinsab fil-prodott tal-ħalib in kwistjoni,

— 100 kg tal-prodott pilota ta' Grupp 3 għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ta' materja xotta li tkun tinsab f'wieħed mill-prodotti tal-ħalib assimilati ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3)(d) b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib fil-materja xotta li jeċċedi s-27 % skond il-piż.

Madankollu, fuq talba tal-parti involuta, 12.32kg tal-prodott pilota tal-Grupp 3 għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ta' ħalib likwidu assimilat ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(d) b'kontenut ta' xaħam tal-ħalib fil-ħalib likwidu li jeċċedi t-3,2 % skond il-piż,

— 100kg tal-prodott pilota tal-Grupp 6 għandu jikkorrispondi ma' 100 kg ta' wieħed mill-prodotti tal-ħalib assimilati ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3)(d) kull 1 % skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib li jkun jinsab fil-prodott tal-ħalib in kwistjoni,

— 1,22 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 6 għandhom jikkorrispondu mal-parti bix-xaħam ta' 100 kg ta' wieħed mill-prodotti tal-ħalib assimilati ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(f) jew 1(4)(ii) kull 1 % skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib li jkun jinsab fil-prodott tal-ħalib in kwistjoni,

— 0,8 kg tal-prodott pilota tal-Grupp 6 għandhom jikkorrispondu mal-parti bix-xaħam ta' 100 kg ta' ġobon assimilat ma' dak il-prodott pilota b'mod konformi mat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(f) kull 1 % skond il-piż ta' xaħam tal-ħalib li jkun jinsab fil-ġobon,

— 77,5 kg ross round-grain miħun kollu għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ross *round-grain* mingħajr il-ħliefa kif issir referenza għalih fl-Artikolu 1(3)(g),

— 69 kg ross *long-grain* miħun kollu għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ross medium-grain jew long grain li ssir referenza għalih fl-Artikolu 1(3)(g),

— 92 kg ta' zokkor abjad għandhom jikkorrispondu ma' 100 kg ta' zokkor mhux raffinat li ssir referenza għalih fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(h),

— 1 kg ta' zokkor abjad għandha tikkorrispondi għal 00 kg ta' zokkor li ssir referenza għalih fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(h) kull 1 % ta' sukrożju,

— 1 kg ta' zokkor abjad għandha tikkorrispondi għal 100 kg ta' wieħed mill-prodotti li ssir referenza għalih fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(h) li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 2135/95, kull 1 % ta' sukrożju (barra, fejn ikun applikabbli, il-kontenut taz-zokkrijiet l-oħra kkalkulati fl-ekwivalenti tas-sukrożju) stabbilit b'mod konformi ma' l-imsemmi Artikolu 3,

— 100 kg ta' zokkor abjad għandu jikkorrispondi għal 100 kg ta' materja xotta stabbilita b'mod konformi ma' l-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2135/95ħ li tkun tinsab fl-isoglukożju jew il-ġulepp ta' l-isoglukożju li ssir referenza għalihom fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 1(3)(h) li jissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 2135/95;

(b) fil-każ ta' l-użu ta' prodott kopert bl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 jew Regolament (KE) Nru 3072/95, sew jekk:

— jirriżulta mill-ipproċessar ta' prodott bażiku jew ta' prodott assimilat għal dak il-prodott bażiku,

— jew assimilat għal prodott li jirriżulta mill-ipproċessar ta' prodott bażiku,

— li jirriżulta mill-ipproċessar ta' prodott assimilat għal prodott li jirriżulta mill-ipproċessar ta' prodott bażiku,

din il-kwantità għandha tkun il-kwantità effettivament użata fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati, aġġustata biex tikkorrispondi għal kwantità tal-prodott bażiku bl-applikazzjoni tal-koeffiċjenti stabbiliti fl-Anness E;

Madankollu, għal spirtu mill-qamħ li jkun jinsab ġo xorb alkoħoliku li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2208, din il-kwantità għandha tkun 3,4 kg ta' xgħir kull % vol ta' alkoħol miksub minn ċereali kull ettolitru tax-xorb alkoħoliku esportat;

(ċ) fil-każ ta' l-użu:

— ta' prodott mhux kopert bl-Anness I tat-Trattat miksub mill-ipproċessar ta' prodott li ssir referenza għalih f'(a) jew (b), jew

— ta' prodott miksub mit-taħlita u/jew l-ipproċessar ta' diversi prodotti li ssir referenza għalihom f'(a) u/jew (b), u/jew prodotti li ssir referenza għalihom fl-ewwel inċiż,

il-kwantità, li għandha tiġi stabbilita skond il-bażi tal-kwantità tal-prodott effettivament użat fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati, għandha tkun ekwivalenti, għal kull wieħed mill-prodotti bażiċi in kwistjoni u soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 3, għall-kwantità stabbilita mill-awtoritajiet kompetenti b'mod konformi ma' l-Artikolu 16(1). Għall-iskop tal-kalkolu ta' din il-kwantità r-rati ta' konverżjoni li ssir referenza għalihom f'(a) jew, skond kif ikun il-każ, ir-regoli speċjali għall-kalkolu, il-proporzjon ta' ekwivalenza u l-koeffiċjenti li ssir referenza għalihom f'(b) għandhom japplikaw.

Madankollu, għax-xorb alkoħoliku b'bażi taċ-ċereali li jkun jinsab f'xorb alkoħoliku li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2208, din il-kwantità għandha tkun 3,4 kg ta' xgħir kull % vol ta' alkoħol miksub minn ċereali kull ettolitru tax-xorb alkoħoliku esportat.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, il-prodotti uzati mhux ipproċessati fil-manifattura ta' l-oġġetti esportati għandhom jiġu meqjusa bħala effettivament użati. Meta, matul wieħed mill-istadji tal-manifattura ta' dawk l-oġġetti, prodott bażiku jiġi huwa stess ipproċessat fi prodott bażiku ieħor aktar elaborat użat fi stadju aktar 'il quddiem, dan il-prodott bażiku ta' l-aħħar biss għandu jiġi meqjus bħala effettivament użat.

Il-kwantitajiet ta' prodotti effettivament użati, fit-tifsira ta' l-ewwel subparagrafu, għandhom jiġu stabbiliti għal kull tip ta' oġġetti esportati.

Madankollu, fil-każ ta' l-esportazzjoni regolari ta' oġġetti manifatturati minn impriża partikolari taħt kondizzjonijiet tekniċi definiti b'mod ċar u li jkollhom karatteristiċi u kwalità kostanti, il-kwantitajiet jistgħu, bi qbil ma' l-awtoritajiet kompetenti, jiġu stabbiliti jew mill-formula tal-manifattura ta' l-oġġetti in kwistjoni jew mill-kwantitajiet medji ta' prodotti użati matul perjodu speċifiku fil-manifattura ta' kwantità speċifika ta' dawn l-oġġetti. Il-kwantitajiet ta' prodotti hekk stabbiliti għandhom jibqgħu il-bażi tal-kalkolu sakemm ma jkunx hemm bidla fil-kondizzjonijiet li taħthom l-oġġetti in kwistjoni jiġu manifatturati.

Ħlief fil-każ ta' awtorizzazzjoni formali mogħtija mill-awtorità kompetenti, il-kwantitajiet ta' prodotti hekk stabbiliti għandhom jiġu konfermati mill-inqas darba fis-sena.

Meta jiġu stabbiliti l-kwantitajiet effettivament użati, għandhom jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3615/92 ([1]).

3. Fir-rigward ta' l-oġġetti elenkati fl-Anness Ċ, il-kwantità ta' prodotti bażiċi li għandha tittieħed fil-kalkolu ta' l-ammont tar-rifużjoni għandha tkun dik li tidher f'dak l-Anness ħdejn kull wieħed minn dawk l-oġġetti.

Madankollu:

(a) fil-każ ta' għaġin frisk, il-kwantitajiet ta' prodotti bażiċi, mogħtija fl-Anness Ċ iridu jiġu mnaqqsa għal kwantità ekwivalenti ta' għaġin xott billi dawk il-kwantitajiet jiġu mmultiplikati bil-perċentwali ta' l-estratt xott ta' l-għaġin u jiġu diviżi bi 88;

(b) meta l-oġġetti in kwestjoni jkunu ġew manifatturati parzjalment minn prodotti koperti minn arranġamenti ta' l-ipproċessar tad-dħul u parzjalment minn prodotti li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 23 tat-Trattat, il-kwantità ta' prodotti bażiċi li għandha tittieħed għall-kalkolu tar-rifużjoni li għandha tingħata fir-rigward ta' din il-klassi ta' l-aħħar ta' prodotti għandha tiġi stabbilita b'mod konformi mal-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 4*

1. Ir-rata ta' rifużjoni għandha tiġi stabbilita kull xahar għal kull 100 kg ta' prodotti bażiċi b'mod konformi ma' l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikoli li jikkorrispondu tar-Regolamenti l-oħra li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1).

Tista' tiġi mmodifikata b'mod konformi ma' l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 u l-Artikoli li jikkorrispondu tar-Regolamenti l-oħra li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1).

Madanakollu, r-rata ta' rifużjoni fuq bajd tat-tjur fil-qoxra, frisk jew ippriservat, u bajd mhux fil-qoxra u isfar tal-bajd, addattati għall-konsum tal-bniedem, frisk, niexef jew ippriservat b'xi mod ieħor, mingħajr ħlewwa, għandu jiġi stabbilit għall-perjodu meħud għall-iffissar tar-rifużjonijiet fuq dawk il-prodotti esportati mhux ipproċessati.

([1]) ĠU L 367, tas-16.12.1992, p. 10.

2. Ir-rata tar-rifużjoni għandha tiġi stabbilita b'referenza partikolari għal:

(a) l-ispiża medja minfuqa mill-industriji ta' l-ipproċessar biex jiksbu provvisti ta' prodotti bażiċi fuq is-suq ta' l-Unjoni Ewropea u l-prezzijiet li jipprevalu fuq is-suq dinji;

(b) il-livell tar-rifużjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli pproċessati koperti bl-Anness I tat-Trattat li huma mmanifatturati taħt kondizzjonijiet simili;

(ċ) il-ħtieġa li jiġu żgurati kondizzjonijiet ugwali ta' kompetizzjoni bejn industriji li jużaw prodotti tal-Komunità u dawk li jużaw prodotti ta' pajjiżi terzi taħt arranġamenti ta' l-ipproċessar tad-dħul;

(d) minn naħa l-waħda t-tendenza fl-ispiża u fuq in-naħa l-oħra t-tendenza fil-prezzijiet fil-Komunità u fuq is-suq dinji;

(e) konformità mal-limiti li jirriżultaw mill-patti ta' ftehim milħuqa b'mod konformi ma' l-Artikolu 300 tat-Trattat.

Fil-każ tal-lamtu tal-patata li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1108 13 00, ir-rata tar-rifużjoni għandha tiġi stabbilita separatament, f'ekwivalenti għall-qamħirrum, b'mod konformi mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 23 tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 billi jiġu applikati l-kriterji indikati hawn fuq. Il-kwantitajiet ta' lamtu tal-patata użati għandhom jiġu maqluba fi kwantitajiet ekwivalenti ta' qamħirrum b'mod konformi ma' l-Artikolu 3(1)(b).

3. Meta tiġi stabbilita r-rata ta' rifużjoni għandu jittieħed kont, fejn ikun xieraq, ta' rifużjonijiet tal-produzzjoni, għajnuniet jew miżuri oħra li jkollhom effett ekwivalenti applikabbli fl-Istati Membri kollha, b'mod konformi mar-regolament dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-prodott in kwestjoni, għal prodotti bażiċi jew prodotti assimilati.

4. Ħlief fil-każ ta' ċereali, ebda rifużjoni m'għandha tingħata fuq prodotti użati fil-manifattura ta' alkoħol li jkun jinsab fix-xorb alkoħoliku li ssir referenza għalih fl-Anness B li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2208.

5. L-esportazzjoni ta' l-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3505 10 50 biss tgawdi rata mnaqqsa minħabba r-rifużjoni tal-produzzjoni applikabbli għall-prodott bażiku użat matul il-perjodu assunt ta' manifattura ta' l-oġġetti skond ir-Regolament (KEE) Nru 1722/93. Ir-rati hekk stabbiliti għandhom jiġu ffissati skond il-proċedura stabbilita fil-paragrafu 1.

6. (a) (a) Ir-rifużjoni fuq lamti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1108 11 00 sa 1108 19 90 jew prodotti elenkati fl-Anness A tar-Regolament (KEE) Nru 1766/92 li jirriżultaw mill-ipproċessar ta' dawk il-lamti tingħata biss meta tiġi prodotta dikjarazzjoni mill-fornitur ta' dawk il-prodotti li jiċċertifika li jkunu ġew prodotti direttament minn ċereali, patata jew ross, eskluż kull użu ta' prodotti li ġejjin minnhom, miksuba fil-produzzjoni ta' prodotti jew oġġetti agrikoli oħra.

Id-dikjarazzjoni li ssir referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu tista' tapplika, sakemm tiġi revokata, għall-provvisti kollha mingħand l-istess produttur; għandha tiġi vverifikata b'mod konformi ma' l-Artikolu 16(1).

(b) Meta l-kontenut ta' l-estratt xott ta' lamtu tal-patata assimilat ma' lamtu tal-qamħirrum skond l-Artikolu 1(3)(a) ikun 80 % jew ogħla, ir-rata ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1; meta l-kontenut ta' l-estratt xott ikun inqas minn 80 %, ir-rata tar-rifużjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1 immultiplikata b'1/80 tal-perċentwali attwali ta' l-estratt xott.

Għal-lamti l-oħra kollha b'kontenut ta' l-estratt xott ta' 87 % jew aktar, ir-rata ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1; meta l-kontenut ta' l-estratt xott ikun inqas minn 87 %, ir-rata tar-rifużjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1 immultiplikata b'1/87 tal-perċentwali attwali ta' l-estratt xott.

Meta l-kontenut ta' l-estratt xott ta' ġuleppi tal-glukożju jew *maltodextrin* li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1702 30 59, 1702 30 99, 1702 40 90, 1702 90 50 jew 2106 90 55 ikun 78 % jew aktar, ir-rata ta' rifużjoni ta' l-esportazzjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1; meta l-kontenut ta' l-estratt xott ta' dawk il-ġuleppi jkun inqas minn 78 %, ir-rata tar-rifużjoni għandha tkun dik stabbilita b'mod konformi mal-paragrafu 1, immultiplikata b'1/78 tal-perċentwali attwali ta' l-estratt xott.

(ċ) Għall-iskop ta' (b), il-kontenut ta' estratt xott tal-lamti għandu jiġi stabbilit bl-użu tal-metodu li ssir referenza għalih fl-Anness II tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1908/84 [1]; il-kontenut tal-materja xotta tal-ġuleppi tal-glukożju jew *maltodextrin* għandu jiġi stabbilit bl-użu tal-metodu 2 li ssir referenza għalih fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 79/796/KEE [2] jew kull metodu ta' analiżi ieħor addattat li joffri ta' mill-anqas l-istess garanziji.

(d) Meta d-dikjarazzjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 16 (1) issir, l-applikant għandu jiddikjara l-kontenut ta' l-estratt xott tal-lamti jew ġuleppi ta' glukożju jew *maltodextrin* użati.

7. Meta l-qagħda tal-kummerċ dinji tal-kaseina li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3501 10, tal-kaseinati li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3501 90 90 jew ta' l-ovalbumin li jaqa' taħt il-kodiċi NM 3502 11 90 u 3502 19 90 jew il-ħtiġijiet speċifiċi ta' ċerti swieq hekk jirrikjedu, ir-rifużjoni fuq dawn l-oġġetti tista' tiġi differenzjata skond id-destinazzjoni.

8. Ir-rata ta' rifużjonijiet fuq oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 1902 11 00, 1902 19 u 1902 40 10 jistgħu jiġu differenzjati skond id-destinazzjoni tagħhom.

9. Ir-rifużjoni tista' tvarja skond jekk tkunx ġiet stabbilita bil-quddiem jew le b'mod konformi ma' l-Artikolu 7(2).

*Artikolu 5*

1. Ir-rata tar-rifużjoni għandha tkun dik li tapplika fil-jum li fih l-oġġetti jiġu esportati.

2. Madankollu, għandha tapplika sistema biex ir-rata tar-rifużjoni tiġi ffisata bil-quddiem.

Meta s-sistema ta' iffissar bil-quddiem tar-rata tar-rifużjoni tiġi applikata, ir-rata fis-seħħ fil-jum li fih l-applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem tiġi ppreżentata għandha tapplika għal oġġetti esportati f'data aktar tard matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat tar-rifużjoni skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 9 (2).

Ir-rata tar-rifużjoni stabbilita skond is-subparagrafu preċedenti għandha tiġi aġġustata billi jintużaw l-istess regoli li japplikaw għall-iffissar bil-quddiem ta' rifużjonijiet għal prodotti bażiċi esportati mhux ipproċessati, iżda bl-użu tal-koeffiċjenti ta' konverżjoni stabbiliti fl-Anness E għal prodotti ta' ċereali pproċessati.

Is-subparagrafu ta' qabel m'għandux japplika għal applikazzjonijiet għall-iffissar bil-quddiem magħmula sa u li jinkludu l-24 Marzu 2000.

*Artikolu 6*

1. Mill-1 ta' Marzu 2000, l-għoti ta' rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' prodotti agrikoli li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 16 jew fuq ċereali imqiegħda taħt kontroll għall-produzzjoni tax-xorb alkoħoliku li ssir referenza għalih fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2825/93 għandu jkun soġġett għall-kondizzjoni li jintwera ċertifikat ta' rifużjoni maħruġ b'mod konformi ma' l-Artikolu 7.

Is-subparagrafu ta' qabel m'għandux japplika għal oġġetti esportati li huma parti minn operazzjonijiet internazzjonali ta' għajnuna bl-ikel fit-tifsira ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim, għal provvisti li ssir referenza għalihom fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4(1) jew l-Artikoli 36, 40, 44, 45 u 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999, jew għall-oġġetti esportati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 14.

[1] ĠU L 178, tal-5.7.1984, p. 22.
[2] ĠU L 239, tat-22.9.1979, p. 24.

2. L-għoti tar-rifużjoni taħt is-sistema ta' l-iffissar bil-quddiem stabbilita fl-Artikolu 5 (2) għandha tkun marbuta mal-kondizzjoni li jintwera ċertifikat ta' rifużjoni li juri l-iffissar bil-quddiem tar-rati ta' rifużjoni.

3. Iċ-ċertifikat ta' rifużjoni m'għandux ikun trasferibbli. Għandu jintuża mid-detentur.

4. Meta l-applikant ma jkunx bi ħsiebu jesporta minn Stat Membru ieħor barra dak li minnu qed japplika għal ċertifikat ta' rifużjoni, il-korp kompetenti jista' jżommu, notevolment fil-forma ta' fajl tal-komputer.

5. Għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għal ċereali mqiegħda taħt kontroll għall-manifattura tax-xorb alkoħoliku li ssir referenza għalih fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2825/93, kull referenza għat-termini "esportazzjoni" għandha tiftiehem li tirreferi għall-att tat-tqegħid ta' ċereali taħt dak il-kontroll.

*Artikolu 7*

1. Iċ-ċertifikat ta' rifużjoni għandu jiġi mitlub u maħruġ għal ammont stabbilit f'ewro.

L-applikazzjoni għal ċertifikat ta' rifużjoni u ċ-ċertifikat ta' rifużjoni nniffsu għandhom ikunu bbażati fuq il-mudell fl-Anness F jew soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 20.

2. Il-parti involuta tista' titlob l-iffissar bil-quddiem tar-rati tar-rifużjoni fis-seħħ fil-jum li tiġi ppreżentata l-applikazzjoni. F'dak il-każ, l-iffissar bil-quddiem jinvolvi r-rati ta' rifużjoni kollha applikabbli. L-applikazzjoni waħdanija għall-iffissar bil-quddiem tista' tiġi ppreżentata taħt il-kondizzjonijiet fl-Anness F jew fil-ħin ta' l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat ta' rifużjoni jew fil-jum ta' l-għoti taċ-ċertifikat ta' rifużjoni iżda mhux qabel l-aħħar jum tal-validità ta' l-istess.

L-iffissar bil-quddiem m'għandux japplika għal esportazzjoni li ssir qabel id-data ta' l-applikazzjoni.

3. Il-ħruġ ta' ċertifikat ta' rifużjoni għandu jobbliga lid-detentur li japplika għal rifużjonijiet ekwivalenti għall-ammont li għalih ikun inħareġ iċ-ċertifikat fuq oġġetti esportati matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' rifużjoni. Il-garanzija li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 11 għandha tiġi ppreżentata sabiex tiggarantixxi konformità ma' dan l-obbligu.

4. L-obbligi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 3 għandhom ikunu rekwiżiti primarji għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 2220/85.

Ir-rekwiżit primarju għandu jitqies li ġie sodisfatt jekk l-esportatur ikun trasmetta l-applikazzjoni(jiet) speċifiċi fir-rigward ta' l-oġġetti esportati matul il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' rifużjoni b'mod konformi mal-kondizzjonijiet stabbiliti fit-taqsima VI ta' l-Anness F. Meta l-applikazzjoni speċifika ma tkunx id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, għandha tiġi ppreżentata fi żmien tliet xhur mid-data ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni, ħlief fil-każ ta' forza maġġuri.

Prova li dik il-kondizzjoni primarja meħtieġa ġiet sodisfatta għandha tiġi pprovduta permezz tal-preżentazzjoni lill-awtorità kompetenti ta' kopja 1 taċ-ċertifikat tar-rifużjoni korrettement annotata, b'mod konformi mad-dispożizzjonijiet ta' taqsima VI ta' l-Anness F. Din il-prova għandha tiġi ppreżentata sa l-aħħar tad-disa' xahar wara t-tmiem tal-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat ta' rifużjoni.

*Artikolu 8*

1. L-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni jistgħu jiġu preżentati:

(a) qabel il-31 ta' Awissu għal ċertifikati validi mill-1 ta' Ottubru;

(b) qabel il-5 ta' Novembru għal ċertifikati validi mill-1 ta' Diċembru;

(ċ) qabel il-5 ta' Jannar għal ċertifikati validi mill-1 ta' Frar;

(d) qabel il-5 ta' Marzu għal ċertifikati validi mill-1 ta' April;

(e) qabel il-5 ta' Mejju għal ċertifikati validi mill-1 ta' Ġunju;

(f) qabel il-5 ta' Lulju għal ċertifikati validi mill-1 ta' Awissu;

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn:

— il-5 ta' Settembru bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(a);

— it-12 ta' Novembru bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(b);

— it-12 ta' Jannar bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(ċ);

— it-12 ta' Marzu bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(d);

— it-12 ta' Mejju bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(e);

— it-12 ta' Lulju bl-applikazzjonijiet għal ċertifikati li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1(f);

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-ammont li għalih ċertifikati ta' rifużjoni jistgħu jinħarġu skond il-bażi ta':

(a) l-ammont massimu ta' rifużjonijiet stabbilit skond l-Artikolu 9(2) tal-Ftehim,

li minnu jitnaqqas

(b) fejn ikun xieraq, l-ammont li jeċċedi l-ammont massimu li jista' jingħata matul is-sena tal-*budget* ta' qabel,

li minnu jitnaqqas

(ċ) l-ammont riżervat biex ikopri l-oġġetti esportati li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 14,

li minnu jitnaqqsu

(d) il-ħlasijiet magħmula matul is-sena tal-*budget* fir-rigward ta' l-oġġetti esportati qabel l-1 Marzu 2000,

li minnu jitnaqqsu

(e) il-ħlasijiet magħmula matul is-sena tal-*budget* kurrenti fir-rigward ta' l-oġġetti esportati matul il-perjodu tal-*budget* ta' qabel,

li minnu jitnaqqsu

(f) l-ammonti li għalihom ċertifikati ta' rifużjoni validi matul il-perjodu tal-*budget* involut ikunu nħarġu,

li miegħu jingħadd

(g) l-ammont li għalih iċ-ċertifikati maħruga, kif issir referenza għalihom fl-Artikolu 12, ikunu ġew ritornati,

li miegħu jingħadd

(h) kull użu inqas ta' l-ammont ta' riżerva li ssir referenza għalih f'(ċ) hawn fuq,

u

(i) l-elementi kollha ta' nuqqas ta' ċertezza dwar uħud minn dawn l-ammonti.

4. L-ammont totali li għalih iċ-ċertifikati jistgħu jinħargu għal kull wieħed mill-perjodi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1 għandu jkun:

— 30 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3 għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(a);

— 20 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3, stabbilit fit-12 ta' Novembru, għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(b);

— 25 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3, stabbilit fit-12 ta' Jannar, għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(ċ);

— 33 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3, stabbilit fit-12 ta' Marzu, għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(d);

— 50 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3, stabbilit fit-12 ta' Mejju, għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(e);

— 100 % ta' l-ammont li ssir referenza għalih fil-paragrafu 3, stabbilit fit-12 ta' Lulju, għall-perjodu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 1(f);

5. Jekk l-ammont totali ta' l-applikazzjonijiet li jaslu għal kull wieħed mill-perjodi involuti jeċċedi l-massimu li ssir referenza għalih fil-paragafu 4, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi koeffiċjent ta' tnaqqis applikabbli għall-applikazzjonijiet kollha ppreżentati qabel id-data li tikkorrispondi li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 sabiex timxi mal-massimu li ssir referenza għalih fil-paragrafu 4.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-koeffiċjent fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mid-data li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 2.

6. Jekk jiġi stabbilit koeffiċjent ta' tnaqqis mill-Kummissjoni, iċ-ċertifikati jistgħu jinħarġu għall-ammont mitlub immultiplikat b'1 li minnu jitnaqqas il-koeffiċjent ta' tnaqqis stabbilit kif hemm ipprovdut dwaru fil-paragrafu 5 jew 8.

F'dak il-każ, l-applikanti jistgħu jirtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom fi żmien ħamest ijiem ta' xogħol mill-pubblikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa l-1 ta' Ottubru, l-1 ta' Diċembru, l-1 ta' Frar, l-1 ta' April, l-1 ta' Ġunju u l-1 ta' Awissu l-ammonti ta' l-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni rtirati skond il-paragrafu 6.

8. L-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni jistgħu jiġu preżentati barra l-perjodi li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 1, b'effett mill-1 ta' Ottubru ta' kull perjodu tal-*budget*. L-applikazzjonijiet ippreżentati matul kull ġimgħa għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni t-Tlieta ta' wara. Iċ-ċertifikati li jikkorrispondu jistgħu jinħarġu mit-Tnejn wara n-notifika, sakemm il-Kummissjoni ma toħroġx struzzjonijiet kuntrarji.

Meta l-Kummissjoni jihrilha li jkun hemm perikolu li l-Unjoni Ewropea tista' ma tissodisfax l-impenji internazzjonali tagħha, tista' tapplika koeffiċjent ta' tnaqqis lill-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni diġà ppreżentati, waqt li jittieħed kont b'mod partikolari tal-metodu ta' kalkolu li ssir referenza għalih fil-paragrafi 3 u 4. Tista' anke tissospendi l-ħruġ ta' ċertifikati.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-koeffiċjent fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* fi żmien erbat ijiem minn notifika ta' l-applikazzjonijiet, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu.

9. L-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni li ssir referenza għalihom fil-paragrafu preċedenti jistgħu jiġu ppreżentati biss jekk ma jkun ġie stabbilit ebda koeffiċjent ta' tnaqqis skond il-paragrafu 5 u sakemm l-ammonti li ssir referenza għalihom fil-paragrafu 4, li magħhom jingħaddu l-ammonti li għalihom effettivament ma jkunu nħarġu ebda ċertifikati u l-ammonti għaċ-ċertifikati kollha rritornati, ikunu ġew użati.

10. L-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni jistgħu jiġu ppreżentati mill-15 ta' Awissu għal oġġetti li għandhom jiġu esportati qabel l-1 ta' Ottubru taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 8 jekk l-ammonti stabbiliti skond il-paragrafu 3 ikunu għadhom disponibbli.

11. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 1-5, 7, 9 u 10 għandhom japplikaw mill-15 ta' Lulju 2000.

*Artikolu 9*

1. Iċ-ċertifikati ta' rifużjoni għandhom ikunu validi mid-data indikata fuq l-applikazzjoni għaċ-ċertifikat, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness F.

2. Iċ-ċertifikat ta' rifużjoni għandu jkun validu sa l-aħħar tal-ħames xahar wara x-xahar li fih tkun saret l-applikazzjoni għal dan iċ-ċertifikat, jew sa l-aħħar tal-perjodu tal-*budget*, jekk dan ikun qabel.

Madankollu, jekk ir-rati ta' rifużjoni jiġu ffissati bil-quddiem, dawn ir-rati jibqgħu validi sa l-aħħar tal-ħames xahar wara x-xahar li fih tkun saret l-applikazzjoni għall-iffissar bil-quddiem, jew sa l-aħħar tal-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat jekk din tkun qabel.

Fil-każ ta' ċertifikati mwassla wara l-1 ta' Ġunju, il-Kummissjoni tista' testendi l-perjodu ta' validità tagħhom.

Meta r-rati ta' rifużjoni fuq l-oġġetti esportati mill-1 ta' Marzu 2000 sat-30 ta' Settembru 2000 jiġu ffissati bil-quddiem, dawk ir-rati għandhom japplikaw sa l-aħħar tal-perjodu ta' validità taċ-ċertifikat.

L-applikazzjonijiet għall-iffissar bil-quddiem għandhom isiru skond it-taqsima II ta' l-Anness F.

L-estratti taċ-ċertifikati ta' rifużjoni ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ffissar bil-quddiem indipendentement miċ-ċertifikat li minnu jkunu ttieħdu.

*Artikolu 10*

Il-kaxxa 20 ta' l-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni maħruġa għal tranżazzjonijiet ta' għajnuna bl-ikel internazzjonali fit-tifsira ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim għandu jkun fihom wieħed mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

«Certificado GATT - Ayuda alimentaria»

»GATT-attest – Fødevarehjælp«

„GATT-Bescheinigung – Nahrungsmittelhilfe“

«Πιστοποιητικό ΓΣΔΕ — Επισιτιστική βοήθεια»

'GATT certificate - Food aid'

«Certificat GATT - Aide alimentaire»

«Titolo GATT - Aiuto alimentare»

„GATT-certificaat – Voedselhulp"

«Certificado GATT - Ajuda alimentar»

"GATT-todistus – Elintarvikeapu"

"GATT-licens – Livsmedelsbistånd".

L-Artikolu 8 m'għandux japplika għal dawk iċ-ċertifikati.

Permezz ta' deroga mir-Regolamenti li jistabbilixxu r-rati ta' rifużjoni applikabbli għall-esportazzjoni ta' prodotti bażiċi fil-forma ta' oġġetti, ir-rati ta' rifużjoni ffissati bil-quddiem applikati għal applikazzjonijiet għal ċertifikati u ċertifikati maħruġa għal transazzjonijiet ta' għajnuna bl-ikel għandhom ikunu r-rati applikabbli għal esportazzjoni oħra mingħajr l-iffissar bil-quddiem ta' rati ta' rifużjoni. Ir-rati li għandhom jiġu meqjusa għandhom ikunu r-rati fis-seħħ fil-jum stabbilit skond l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 259/98 fil-każ ta' l-esportazzjoni ta' għajnuna tal-Komunità bl-ikel jew il-jum stabbilit bl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 [1] fil-każ ta' l-esportazzjoni ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib bħala għajnuna nazzjonali bl-ikel.

*Artikolu 11*

L-applikazzjonijiet għal ċertifikati ta' rifużjoni minbarra dawk għal transazzjonijiet ta' għajnuna bl-ikel li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 10 għandhom ikunu validi biss jekk garanzija ekwivalenti għal 25 % ta' l-ammont ta' l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Il-garanzija għandha tinħeles taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 12.

[1] ĠU L 20, tas-27.1.1999, p. 8.

*Artikolu 12*

1. Jekk il-Kummissjoni tistabbilixxi koeffiċjent ta' tnaqqis skond l-Artikolu 8(5) u (8), parti mill-garanzija ekwivalenti għall-ammont depożitat immultiplikat bil-koeffiċjent ta' tnaqqis għandha tiġi meħlusa immedjatament.

2. Jekk l-applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu, kif hemm ipprovdut fl-Artikolu 8(6), 94 % tal-garanzija għandha tiġi meħlusa.

3. Il-garanzija għandha tiġi meħlusa kollha malli d-detentur taċ-ċertifikat japplika għal rifużjonijiet li jammontaw għal 95 % ta' l-ammont li għalih ikun inħareġ iċ-ċertifikat.

4. Jekk id-detentur taċ-ċertifikat ta' rifużjoni jonqos milli japplika għar-rifużjonijiet li jammontaw għal mill-inqas 95 % ta' l-ammont li għalih kien inħareġ, parti mill-garanzija ekwivalenti għal 25 % tad-differenza bejn 95 % ta' l-ammont li għalih kien inħareġ iċ-ċertifikat u l-ammont ta' rifużjoni li effettivament saret applikazzjoni għalih għandha tiġi miżmuma.

5. Madankollu, meta d-detentur ta' ċertifikat jirritornah qabel it-28 ta' Frar, l-ammont miżmum, stabbilit skond il-paragrafu 4, għandu jiġi mnaqqas b'50 %. Jekk id-detentur jirritorna ċ-ċertifikat wara din id-data iżda qabel il-15 ta' Awissu 2000 u qabel il-31 ta' Mejju ta' snin oħra, l-ammont miżmum, stabbilit skond il-paragrafu 4, għandu jitnaqqas b'25 %.

6. Id-detentur ta' ċertifikat ta' rifużjoni li jipproduċi prova li jkun ippreżenta offerta bħala tweġiba għal sejħa għall-offerti maħruġa f'pajjiż mhux membru li qed jimporta li ssir referenza għalih fl-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 u li l-offerta tiegħu ma ġietx milqugħa jista' jitlob li ammont ekwivalenti għar-rifużjoni li kien jikseb kieku l-offerta tiegħu intlaqgħet jiġi rrinunzjat. F'dan il-każ, iċ-ċertifikat għandu jiġi mnaqqas b'dan l-ammont u l-garanzija li tikkorrispondi għandha tiġi meħlusa.

*Artikolu 13*

1. Qabel it-tmiem ta' kull xahar l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammont tar-rifużjonijiet mogħtija fix-xahar ta' qabel fuq oġġetti esportati qabel l-1 ta' Marzu 2000.

2. Qabel l-1 ta' Jannar 2001, u qabel l-1 ta' Jannar ta' kull sena sussegwenti, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-ammonti totali ta' rifużjonijiet li effettivament ikunu għamlu sat-30 ta' Settembru ta' qabel fuq oġġetti esportati f'perjodi tal-*budget* preċedenti li ma ġewx notifikati qabel, waqt li jispeċifikaw il-perjodi involuti.

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu preċedenti, ir-rifużjonijiet li attwalment jingħataw għandhom jinkludu ħlasijiet bil-quddiem. Ir-rimborsi ta' rifużjonijiet imħallsa meta mhux suppost għandhom jiġu nnotifikati separatament.

4. Qabel l-10 jum ta' kull xahar l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar:

(a) l-ammonti li għalihom iċ-ċertifikati ta' rifużjoni ġew ritornati matul ix-xahar ta' qabel skond l-Artikolu 12(5);

(b) l-ammonti li għalihom iċ-ċertifikati ta' rifużjoni ġew ritornati jew imnaqqsa matul ix-xahar ta' qabel, b'mod konformi ma' l-Artikolu 12(6);

(ċ) l-ammonti li għalihom iċ-ċertifikati ta' rifużjoni mhux użati skadew;

(d) iċ-ċertifikati ta' rifużjoni maħruġa matul ix-xahar ta' qabel kif issir referenza għalihom fl-Artikolu 10.

*Artikolu 14*

1. Sat-30 ta' Settembru 2000 u għal kull perjodu tal-*budget* mill-1 ta' Ottubru 2000, l-oġġetti esportati mhux koperti b'ċertifikat huma eliġibbli għall-ħlas ta' rifużjoni fil-limitu ta' riserva totali ta' 30 miljun ewro għal kull sena tal-*budget*.

Madankollu, dan l-Artikolu m'għandux japplika għal oġġetti esportati li jkunu parti minn transazzjonijiet internazzjonali ta' għajnuna bl-ikel fit-tifsira ta' l-Artikolu 10(4) tal-Ftehim, anqas għall-provvisti li ssir referenza għalihom fit-tielet inċiż ta' l-Artikolu 4(1) u l-Artikoli 36, 40, 44, 45 u 46(1) tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

2. Dan l-Artikolu għandu japplika għall-esportazzjoni minn esportatur li ma kellux f'idejh ċertifikat ta' rifużjoni sa mill-bidu tal-perjodu tal-*budget* in kwistjoni u li ma jkollux ċertifikat f'idejh fid-data ta' l-esportazzjoni. Għandu japplika biss jekk l-applikazzjonijiet li jkunu saru qabel mill-esportatur b'mod konformi mal-paragrafu 2 tat-taqsima VI ta' l-Anness F matul is-sena tal-*budget* in kwistjoni jirrigwardaw ammont totali ta' inqas minn ġfmxeuroħ 50 000.

Għandu japplika biss fl-Istati Membri fejn l-oġġetti ġew manifatturati jew armati.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-ħames jum ta' kull xahar bl-ammonti tar-rifużjonijiet mogħtija skond dan l-Artikolu mis-sittax-il jum sa l-aħħar tax-xahar ta' qabel, u mhux aktar tard mill-għoxrin jum ta' kull xahar bl-ammonti tar-rifużjonijiet mogħtija skond dan l-Artikolu mill-ewwel sal-ħmistax-il jum tax-xahar kurrenti.

Jekk it-total ta' l-ammonti nnotifikati mill-Istati Membri jilħaq ġfmxeuroħ 20 000 000, il-Kummissjoni għandha tissospendi l-applikazzjoni tal-paragrafi 1 u 2 għal oġġetti esportati mhux koperti b'ċertifikat ta' rifużjoni.

*Artikolu 15*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 1291/2000 għandu japplika għal ċertifikati ta' rifużjoni li ssir referenza għalihom f'dan ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tad-dispożizzjonijiet dwar liċenzji ta' l-importazzjoni.

Id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn ċertifikati ta' rifużjoni denominati fi kwantitajiet għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għad-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw miċ-ċertifikati ta' rifużjoni li ssir referenza għalihom f'dan ir-Regolament għal ammonti denominati f'ewro, waqt li jiġu meqjusa d-dispożizzjonijiet fl-Anness F.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1, id-dispożizzjonijiet li ġejjin tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000 m'għandhomx japplikaw għal ċertifikati ta' rifużjoni li ssir referenza għalihom f'dan ir-Regolament:

— L-Artikoli 9, 12, 14, 21, 24, 32, 33, 35, 42, 46, 47, 50;

— L-Artikolu 8(2);

— L-Artikolu 8(4);

— L-Artikolu 18(1);

— L-Artikolu 36(5);

3. Għall-iskopijiet ta' l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, ċertifikati validi sat-30 Settembru ma jistgħux jiġu mġedda. F'dan il-każ, iċ-ċertifikat għandu jiġi kkanċellat għall-ammonti kollha li ma tkunx saret applikazzjoni għalihom minħabba forza maġġuri.

*Artikolu 16*

1. Ir-Regolament (KE) Nru 800/1999 għandu japplika. Barra minn hekk, meta oġġetti jkunu sejrin jiġu esportati, il-parti involuta għandha tiddikjara l-kwantitajiet ta' prodotti bażiċi, ta' prodotti mnissla mill-ipproċessar ta' l-istess, jew ta' prodotti assimilati ma' waħda minn dawk iż-żewġ kategoriji b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3), li jkunu effettivament ġew użati, fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(2), fil-manifattura ta' dawk l-oġġetti, li fuqhom tkun sejra tintalab rifużjoni, jew b'xi mod ieħor jirreferu għal dik il-kompożizzjoni jekk tkun ġiet stabbilita b'mod konformi mat-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2).

Meta xi oġġetti jkunu ġew użati fil-manifattura ta' oġġetti biex jiġu esportati, id-dikjarazzjoni mill-parti involuta għandha tinkludi l-kwantità ta' l-oġġetti effettivament użata u n-natura u l-kwantità ta' kull wieħed mill-prodotti bażiċi, tal-prodotti mnissla mill-ipproċessar ta' l-istess u ta' prodotti assimilati għal wieħed minn dawk iż-żewġ kategoriji b'mod konformi ma' l-Artikolu 1(3), li minnhom ġew imnissla l-oġġetti in kwistjoni.

Il-parti involuta għandha, sabiex tappoġġa d-dikjarazzjoni tagħha, tforni lill-awtoritajiet kompetenti bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha li dawn ta' l-aħħar jidhrilhom li huma rilevanti.

L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw ir-reqqa tad-dikjarazzjoni magħmula lilhom b'kull mod xieraq.

Fuq talba ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu jitwettqu l-formalitajiet doganali ta' l-esportazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra għandhom jikkomunikaw magħhom direttament b'kull informazzjoni li jkunu jistgħu jiksbu sabiex ikun possibbli li d-dikjarazzjoni magħmula mill-parti involuta tiġi vverifikata.

2. Permezz ta' deroga mill-paragrafu preċedenti, u b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti, id-dikjarazzjoni tal-prodotti u/jew l-oġġetti użati tista' tiġi ssostitwita b'dikjarazzjoni miġbura tal-kwantitajiet ta' prodotti użati jew b'referenza għal dikjarazzjoni ta' dawn il-kwantitajiet, jekk dawn ta' l-aħħar jkunu diġà ġew stabbiliti skond it-tielet subparagarfu ta' l-Artikolu 3(2) u bil-kondizzjoni li l-fabbrikant iqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiġi vverifikata d-dikjarazzjoni.

3. Meta l-esportatur ma jagħmilx id-dikjarazzjoni li ssir referenza għaliha fil-paragrafu 1 jew ma jipprovdix informazzjoni sodisfaċenti bħala appoġġ għad-dikjarazzjoni tiegħu, m'għandux ikun intitolat għal rifużjoni.

Madankollu, jekk il-parti involuta tipprovdi prova sodisfaċenti lill-awtoritajiet kompetenti li ma jkollhiex jew li tistax tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa rigward il-kondizzjonijiet tal-manifattura ta' l-oġġetti li jkunu sejrin jiġu esportati, u jekk l-oġġetti jkunu elenkati fil-kolonni 1 u 2 ta' l-Anness D, dik il-parti għandha, fuq talba espressa tagħha, tingħata rifużjoni, waqt li n-natura u l-kwantità tal-prodotti bażiċi li jittieħed kont tagħhom għall-kalkolu ta' dik ir-rifużjoni jiġu stabbiliti minn analiżi ta' l-oġġetti li jkunu sejrin jiġu esportati u skond it-tabella ta' konverżjoni fl-Anness D. L-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar il-kondizzjonijiet li taħthom għandha ssir l-analiżi.

L-ispejjeż ta' dik l-analiżi għandhom jitħallsu mill-esportatur.

Jekk l-oġġetti esportati ssir referenza għalihom fl-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 2571/97, ir-rata tar-rifużjoni fuq prodotti tal-ħalib għandha tkun dik applikabbli għall-użu ta' prodotti tal-ħalib bi prezz imraħħas, ħlief jekk l-esportatur iġib prova li l-oġġetti ma jkunx fihom prodotti tal-ħalib bi prezz imraħħas.

4. Il-paragrafi 1 u 2 m'għandhomx japplikaw għall-kwantitajiet ta' prodotti agrikoli stabbiliti skond l-Anness Ċ, ħlief fir-rigward ta':

— kwantitajiet ta' prodotti li ssir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 esportati fil-forma ta' oġġetti miksuba parzjalment minn prodotti koperti minn arranġamenti ta' l-ipproċessar tad-dħul taħt il-kondizzjonjiet definiti fl-Artikolu 3(3)(b),

— kwantitajiet ta' bajd jew prodotti tal-bajd esportati fil-forma ta' għaġin li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1902 11 00,

— il-kontenut tal-materja xotta ta' għaġin frisk li ssir referenza għalih fl-Artikolu 3(3)(a),

— - in-natura tal-prodotti bażiċi effettivament użati fil-manufattura ta' D-*glucitol* (*sorbitol*) li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2905 44 u 3824 60, u, fejn ikun meħtieġ, il-proporzjonijiet ta' D-*glucitol* (*sorbitol*) miksuba mill-prodotti amiliċi u sukrożju,

— kwantitajiet ta' kaseina esportati fil-forma ta' oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 3501 90 90,

— il-grad plato ta' birra magħmula mix-xgħir li jaqa' taħt il-kodiċi NM 2202 90 10,

— il-kwantitajiet ta' barli mingħajr xgħir aċċettati mill-awtoritajiet kompetenti.

Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti mogħtija fid-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni u l-applikazzjoni għal rifużjoni fuq l-oġġetti elenkati fl-Anness Ċ għandhom jieħdu kont tan-nomenklatura ta' dak l-Anness.

5. Meta l-oġġetti jiġu analizzati skond dan l-Artikolu, il-metodi ta' l-analiżi għandhom ikunu dawk li ssir referenza għalihom fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 4056/87 [1] jew, fin-nuqqas tagħhom, dawk applikabbli għall-klassifikazzjoni tat-Tariffa Komuni Doganali għal oġġetti simili li jiġu importati ġewwa l-Unjoni Ewropea.

6. Il-kwantitajiet ta' l-oġġetti esportati u l-kwantitajiet tal-prodotti li ssir referenza għalihom fl-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 jew ir-referenza għall-komposizzjoni stabbilita skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) għandhom jitniżżlu fid-dokument li jiċċertifika l-esportazzjoni. Madankollu, fejn japplika t-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, il-kwantitajiet ta' l-aħħar għandhom jiġu ssostitwiti bil-kwantitajiet tal-prodotti bażiċi murija fil-kolonna 4 ta' l-Anness D, li jikkorrispondu mar-riżultati ta' l-analiżi ta' l-oġġetti esportati.

[1] ĠU L 379, tal-31.12.1987, p. 29.

7. Għall-iskopijiet tal-paragrafi 1 u 2, kull Stat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni bil-verifiki mwettqa fit-territorju tiegħu fuq id-diversi tipi ta' oġġetti esportati. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħra dwar l-istess.

8. Fir-rigward ta' l-esportazzjoni magħmula bejn l-1 ta'Ottubru u l-15 ta' Ottubru ta' kull sena, ir-rifużjonijiet ma jistgħux jitħallsu qabel is-16 ta' Ottubru.

*Artikolu 17*

1. Skond l-Artikolu 16, għall-oġġetti li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0405 20 10, 0405 20 30, 1806 90 60 sa 1806 90 90, 1901 jew 2106 90 98 li jkun fihom perċentwal għoli ta' prodotti tal-ħalib li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 0402 10 19, 0402 21 19, 0405 00 jew 0406, li minn hawn 'l isfel issir referenza għalihom bħala "prodotti tal-ħalib", il-parti involuta għandha tiddikjara wkoll jew:

(a) li ebda wieħed mill-prodotti tal-ħalib kienu ġew importati minn pajjiżi li m'humiex membri taħt arranġamenti speċjali li jipprovdu għal tariffa mnaqqsa,

jew

(b) il-kwantitajiet tal-prodotti tal-ħalib importati minn pajjiżi li m'humiex membri taħt arranġamenti speċjali li jipprovdu għal tariffa mnaqqsa.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, "li jkun fihom perċentwal għoli" għandu jfisser 51 kilogramma jew aktar ta' prodotti tal-ħalib użati kull 100 kilogramma ta' l-oġġetti esportati.

3. Meta ssir talba biex il-kwantitajiet jiġu stabbiliti skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2), l-awtorità kompetenti tista' taċċetta attestazzjoni mill-parti involuta li l-prodotti tal-ħalib li jkunu sejrin jintużaw ma jkunux ibbenefikaw mill-arranġamenti speċjali li jipprovdu għal tariffa mraħħsa ta' l-importazzjoni.

4. Id-dikjarazzjoni magħmula b'mod konformi mal-paragrafu 1 jew l-attestazzjoni magħmula b'mod konformi mal-paragrafu 3 jistgħu jiġu aċċettati mill-awtorità kompetenti meta din tkun sodisfatta li l-prezz imħallas għall-prodott tal-ħalib inkorporat fl-oġġett esportat ikun daqs jew iċken il-prezz li jipprevali fuq is-suq tal-Komunità għal prodott ekwivalenti. Meta jiġu paragunati l-prezzijiet, għandha tiġi meqjusa d-data meta l-prodott tal-ħalib ikun inxtara.

5. Meta jkunu ntużaw prodotti tal-ħalib li jkunu bbenefikaw minn arranġamenti speċjali li jipprovdu għal tariffa mnaqqsa, ir-rifużjoni għandha tiġi kkalkolata skond l-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999.

*Artikolu 18*

Ir-rifużjoni li ssir referenza għaliha fl-Artikolu 1(1) m'għandhiex tingħata fuq oġġetti mqiegħda f'ċirkolazzjoni libera skond l-Artikolu 24 tat-Trattat u esportati mill-ġdid.

Bl-istess mod, ebda rifużjoni m'għandha tingħata fuq dawk l-oġġetti meta jiġu esportati wara l-ipproċessar jew meta jiġu nkorporati f'oġġetti oħra.

*Artikolu 19*

Il-Kummissjoni għandha taddatta r-Regolament preżenti skond l-emendi tan-nomenklatura magħquda u għandha taddatta l-Anness B sabiex iżżomm l-ekwivalenza ma' l-Annessi rispettivi tar-Regolamenti li ssir referenza għalihom fl-Artikolu 1(1).

*Artikolu 20*

Sal-31 ta' Diċembru 2000, il-partijiet interessati, bla ħsara għall-ftehim ta' l-awtoritajiet kompetenti, jistgħu jużaw il-formula annessa ma' l-Anness F tar-Regolament (KE) 1222/94, taħt id-dispożizzjonijiet dikjarati fl-Anness F li jieħu l-post ta' l-Anness F tar-regolament kurrenti.

*Artikolu 21*

Ir-Regolament (KE) Nru 1222/94 qiegħed b'dan jiġi mħassar.

Ir-riferenzi kollha għar-Regolament imħassar għandhom japplikaw għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness G.

*Artikolu 22*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, it-13 Lulju 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Erkki LIIKANEN

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS A*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni |
|---|---|
| ex 0402 10 19 | Ħalib f'forma ta' trab, qamħ żgħir jew forom solidi oħra, li ma fihomx zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra, b'kontenut ta' xaħam, skond il-piż, ta' mhux aktar minn 15 % (PG 2) |
| ex 0402 21 19 | Ħalib f'forma ta' trab, qamħ żgħir jew forom solidi oħra, li ma fihomx zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra, b'kontenut ta' xaħam, skond il-piż, ta' mhux aktar minn 26 % (PG 3) |
| ex 0404 10 02 sa ex 0404 10 16 | Xorrox f'forma ta' trab, qamħ żgħir jew forom solidi oħra, li ma fihomx zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra (PG 1) |
| ex 0405 10 | Butir, b'kontenut ta' xaħam skond il-piż ta' 82 % (PG 6) |
| ex 0407 00 30 | Bajd tat-tajr, fil-qoxra, frisk jew priżervat, minbarra għat-tfaqqis |
| ex 0408 | Bajd, mhux fil-qoxra, u isfar tal-bajd, tajjeb għall-konsum tal-bniedem, frisk, imnixxef, iffriżat jew ippriżervat mod ieħor, mhux ħelu |
| 1001 10 00 | Qamħ ta' l-Awstralja |
| 1001 90 99 | Qamħ komuni u meslin, minbarra żerriegħa tal-meslin |
| 1002 00 00 | Segala |
| 1003 00 90 | Barli, minbarra barli taż-żerriegħa |
| 1004 00 00 | Ħafur |
| 1005 90 00 | Majs (qamħirrum), minbarra żerriegħa tal-majs |
| ex 1006 30 | Ross sħiħ miṫhun |
| 1006 40 00 | Ross imfarrak |
| 1007 00 90 | Sorgu tal-qamħ, minbarra ibridi, għaż-żriegħ |
| 1701 99 10 | Zokkor abjad |
| ex 1702 19 00 | Lattożju li fih, fl-istat niexef, 98,5 % tal-prodott pur (PG 12) |
| 1703 | Molassi li jirriżultaw mill-estrazzjoni jew mill-irfinar taz-zokkor |

*ANNESS B*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti tal-ħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| ex 0403 | Ħalib tal-butir, ħalib u krema mbaqqta, yogurt, kefir u ħalib u krema oħra iffermentati jew aċidifikati, | | | | | |
| 0403 10 | – yogurt: | | | | | |
| 0403 10 51 sa 0403 10 99 | – – Bl-essenza jew bil-frott, ġewż jew kawkaw miżjuda: | | | | | |
| | – – – Bl-essenza | X | X | X | X | |
| | – – – oħrajn: | | | | | |
| | – – – – Bil-frott jew bil-ġewż miżjuda | X | X | | X | |
| | – – – – Bil-kawkaw żejjed miżjud | X | X | X | X | |
| 0403 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 0403 90 71 sa 0403 90 99 | – – Bl-essenza jew bil-frott u/jew kawkaw miżjuda: | | | | | |
| | – – – Bl-essenza | X | X | X | X | |
| | – – – Oħrajn: | | | | | |
| | – – – – Bil-frott jew bil-ġewż miżjuda | X | X | | X | |
| | – – – – Bil-kawkaw miżjud | X | X | X | X | |
| 0405 | Butir u xaħmijiet u żjut miksuba mill-ħalib; | | | | | |
| 0405 20 | – Prodotti tal-ħalib li jiddelku: | | | | | |
| 0405 20 10 | – – B'kontenut ta' xaħam, skond il-piż, ta' 39 % jew iżjed imma inqas minn 60 % | | | | | X |
| 0405 20 30 | – – B'kontenut ta' xaħam, skond il-piż, ta' 39 % jew iżjed imma mhux aktar minn 75 % | | | | | X |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 0710 | Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra fuq il-fwar jew mgħollija fl-ilma), iffriżati: | | | | | |
| 0710 40 00 | – Qamħirrum ħelu | | | | | |
| | – – Fil-forma ta' widna | X | | | X | |
| | – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | X | |
| 0711 | Ħxejjex ippreżervati proviżorjament (per eżempju permezz tal-gass kubrit diossidu, fl-ilma mielaħ, fl-ilma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet priżervattivi oħra), imma mhux tajba f'dak l-istat għall-konsum immedjat | | | | | |
| 0711 90 30 | – Qamħirrum ħelu | | | | | |
| | – – Fil-forma ta' widna | X | | | X | |
| | – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | X | |
| 1517 | Marġerin; taħlit li jittiekel jew preparazzjonijiet ta' xaħmijiet ta' l-annimali jew veġetali jew żjut jew frazzjonijiet ta' xaħmijiet jew żjut differenti ta' dan | | | | | |
| 1517 10 | – Marġerin, eskluż marġerin likwidu | | | | | |
| 1517 10 10 | – – Li fih aktar minn 10 % imma mhux aktar minn | | | | | X |
| 1517 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 1517 90 10 | – – Li fihom aktar minn 10 % imma mhux aktar minn 15 % skond il-piż xaħmijiet tal-ħalib | | | | | X |
| 1702 50 00 | Fruttożju kimikament pur | | | | X | |
| 1704 | Ħelu biz-zokkor (inkluża ċ-ċikkulata bajda), mingħajr kawkaw: | | | | | |
| 1704 10 | – *Chewing gum*, kemm jekk miksi biz-zokkor u kemm jekk le: | X | | | X | |
| 1704 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 1704 90 30 | – – Ċikkulata bajda | X | | | X | X |
| 1704 90 51 sa 1704 90 99 | – – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1806 | Ċikkulata u preparazjzonijiet oħrajn ta' l-ikel li fihom il-kawkaw | | | | | |
| 1806 10 | – Trab tal-kawkaw, li fih zokkor miżjud jew xi sustanza ħelwa oħra | | | | | |
| | – – li għandu togħma ħelwa esklussivament minħabba ż-żieda tas-sukrożju | X | | X | X | |
| | – – Oħrajn | X | | X | X | X |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 1806 20 | – Preparazzjonijiet oħrajn fi blokok, ċapep jew kaxxi | | | | | |
| 1806 20 70 | – – Frak tal-ħalib taċ-ċikkulata | X | | X | X | X |
| | – – Preparazzjonijiet oħrajn ta l-intestatura Nru 1806 20 | X | X | X | X | X |
| 1806 31 00 u 1806 32 | – oħrajn fi blokok, ċapep jew kaxxi | X | X | X | X | X |
| 1806 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| | – – ex 1806 90 (11, 19, 31, 39, 50) | X | X | X | X | X |
| | – – ex 1806 90 (60, 70, 90) | X | | X | X | X |
| 1901 | Estratt tax-xgħir; preparazzjonijiet għall-ikel tad-dqiq, qamħ mitħun oħxon, lamtu jew estratt tax-xgħir, mingħajr kawkaw jew b'inqas minn 40 % skond il-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam: preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' prodotti ta' l-intestaturi Nri 0401 sa 0404, mingħajr kawkaw jew inqas minn 5 % skond il-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam, mhux inkluż imkien ieħor: | | | | | |
| 1901 10 00 | – Preparazzjonijiet għall-użu tat-trabi, ippreżentati għall-bejgħ bl-imnut | | | | | |
| | – – Preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' l-intestaturi Numri 0401 sa 0404, li fihom inqas minn 5 % skond il-piż kawkaw kalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam | X | X | X | X | X |
| | – – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1901 20 00 | – Taħlit u għaġina għall-preparazzjoni tal-prodotti tal-furnara, affarijiet msajra mill-għaġina, prodotti jew gallettini ta' l-intestatura Nru 1905' | | | | | |
| | – – Preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' prodotti ta' l-intestaturi Nri 0401 sa 0404, li fihom inqas minn 5 % skond il-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam | X | X | X | X | X |
| | – – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1901 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 1901 90 11 u 1901 90 19 | – – Estratt tax-xgħir | X | X | | | |
| | – – Oħrajn: | | | | | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 1901 90 99 | – – – Oħrajn: | | | | | |
| | – – – – Preparazzjonijiet ta' l-ikel ta' l-intestaturi Nri 0401 sa 0404, li fihom inqas minn 5 % skond il-piż kawkaw ikkalkulat fuq bażi totalment mingħajr xaħam | X | X | X | X | X |
| | – – – – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1902 | Għaġin, kemm jekk imsajar jew mimli u kemm jekk le (bil-laħam jew sustanzi oħra) jew ippreparat b'xi mod ieħor, bħall-ispagetti, imqarrun, talja, lażanja, injokki, ravjul, kannelloni, kusksu, kemm jekk preparat u kemm jekk le: | | | | | |
| | – Għaġin mhux imsajjar, mhux mimli jew preparat b'xi mod ieħor,: | | | | | |
| 1902 11 00 | – – Bil-bajd: | | | | | |
| | – – – Tal-qamħ ta' l-Awstralja u għaġin magħmul minn ċereali oħra | C | | X | | |
| | – – – Oħrajn: | X | | X | | |
| 1902 19 | – – – Oħrajn: | | | | | |
| | – – – Tal-qamħ ta' l-Awstralja u għaġin magħmul minn ċereali oħra | C | | | | X |
| | – – Oħrajn: | X | | | | X |
| 1902 20 | Għaġin mimli, kemm jekk imsajjar jew ippreparat b'xi mod ieħor u kemm jekk le: | | | | | |
| 1902 20 91 u 1902 20 99 | – – Oħrajn: | X | X | | X | X |
| 1902 30 | – Għaġin ieħor | X | X | | X | X |
| 1902 40 | – Kusksu: | | | | | |
| 1902 40 10 | – – Mhux ippreparat: | | | | | |
| | – – – Tal-qamħ ta' l-Awstralja | C | | | | |
| | – – – Oħrajn | X | | | | |
| 1902 40 90 | – – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1903 00 00 | Tapjoka u s-sostituti tagħha preparati mill-lamtu, fil-forma ta' frak, qamħ, peril, rxix jew forom simili | X | | | | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 1904 | Ikel ippreparat miksub permezz ta' l-infiħ jew ix-xiwi ta' ċereali jew prodotti taċ-ċereali (per eżempju corn flakes); ċereali, (minbarra majs (qamħirrum)) fil-forma ta' dqiq jew fil-forma ta' frak jew qamħ ieħor maħdum (minbarra dqiq u qamħ miħun oħxon), imsajjar minn qabel, jew ippreparat mod ieħor, mhux speċifikat jew inkluż imkien ieħor | | | | | |
| | – Ross minfuħ mhux ħelu jew ross imsajjar minn qabel | | | | | |
| | – – Bil-kawkaw [1] | X | C | X | X | X |
| | – – Mingħajr kawkaw | X | C | | X | X |
| | – Oħrajn, bil-kawkaw [1] | X | X | X | X | X |
| | – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 1905 | Ħobż, għaġina, kejkijiet, gallettini u prodotti oħra talfurnara, kemm jekk fihom il-kawkaw u kemm jekk le; karti ta' l-ostja, kaxxetti vojta tat-tip addattati għall-użu farmaċewtiku, wejfers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili: | | | | | |
| 1905 10 00 | – Ħobż li jqarmeċ | X | | | X | X |
| 1905 20 | – Ħobż tal-ġinġer u affarijiet ta' din ix-xorta | X | | X | X | X |
| 1905 30 | – Gallettini ħelwin; waffles u wejfers: | X | | X | X | X |
| 1905 40 | – Qarmeċ, ħobż mixwi u prodotti simili mixwija | X | | X | X | X |
| 1905 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 1905 90 10 | – – Matzos | X | | | | |
| 1905 90 20 | – – Karti ta' l-ostja, kaxxetti vojta tat-tip addattati għall-użu farmaċewtiku, wejfers tas-siġill, karta tar-ross u prodotti simili: | X | X | | | |
| 1905 90 30 | – – – Ħobż, mingħajr għasel, bajd, ġobon jew frott miżjud, u li fih skond il-piż fl-istat ta' materja niexfa mhux aktar minn 5 % zokkor u mhux aktar minn 5 % xaħam | X | | | | |
| 1905 90 40 sa 1905 90 90 | – – – Prodotti oħrajn | X | | X | X | X |
| 2001 | Ħxejjex, frott, ġewż u partijiet oħrajn minn pjanti li jittieklu, ippreparati jew ippreżervati bil-ħall jew aċtu aċetiku: | | | | | |
| 2001 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 2001 90 30 | – – Qamħirrum (*Zea mays var. saccharata*): | | | | | |
| | – – – Fil-forma ta' widna | X | | | X | |
| | – – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | X | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 2001 90 40 | – – Jam, patata ħelwa u partijiet li jittieklu ta' din ix-xorta ta' pjanti li fihom 5 % lamtu jew iżjed skond il-piż | X | | | X | |
| 2004 | Ħxejjex oħrajn ippreparati jew ippriżervati ħlief bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, iffriżati, minbarra l-prodotti ta' l-intestatura Nru 2006 | | | | | |
| 2004 10 | – Patata: | | | | | |
| | – – Oħrajn: | | | | | |
| 2004 10 91 | – – – Fil-forma ta' dqiq, qamħ mitħun oħxon jew frak | X | X | | X | X |
| 2004 90 | – Ħxejjex oħrajn u taħlit ta' ħxejjex: | | | | | |
| 2004 90 10 | – – Qamħirrum (*Zea mays var. saccharata*): | | | | | |
| | – – – Fil-forma ta' widna | X | | | X | |
| | – – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | X | |
| 2005 | Ħxejjex oħrajn ippreparati jew ippriżervati ħlief bil-ħall jew bl-aċtu aċetiku, mhux iffriżati, minbarra l-prodotti ta' l-intestatura Nru 2006 | | | | | |
| 2005 20 | – Patata: | | | | | |
| 2005 20 10 | – – Fil-forma ta' dqiq, qamħ mitħun oħxon jew frak | X | X | | X | X |
| 2005 80 00 | – Qamħirrum (*Zea mays var. saccharata*): | | | | | |
| | – – Fil-forma ta' widna | X | | | X | |
| | – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | X | |
| 2008 | Frott, ġewż u partijiet oħrajn li jittieklu mill-pjanti, ippreparati jew ippriżervati mod ieħor, kemm jekk fihom z-zokkor miżjud jew xi sustanza jew spirtu ħelwin oħra u kemm jekk le, mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor; | | | | | |
| 2008 99 | – – Oħrajn: | | | | | |
| | – – – Mingħajr spirtu miżjud: | | | | | |
| | – – – – Mingħajr zokkor miżjud: | | | | | |
| 2008 99 85 | – – – – – Majs (qamħirrum) minbarra qamħirrum ħelu (*zea mays var. saccharata*): | | | | | |
| | – – – – – – Fil-forma ta' widna | X | | | | |
| | – – – – – – Fil-forma ta' qamħ | C | | | | |
| 2008 99 91 | – – – – – *Jam*, patata ħelwa u partijiet li jittieklu ta' din ix-xorta ta' pjanti li fihom 5 % lamtu jew iżjed skond il-piż | X | | | | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talhalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 2101 | Estratti, essenza u konċentrati, tal-kafè, tè jew matè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn il-prodotti jew b'bażi ta' kafè, tè jew matè; ċikwejra mixwija u sostituti oħra mixwija tal-kafè, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom: | | | | | |
| | – Estratti, essenzi u konċentrati tal-kafè u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrat jew b'bażi ta' kafè: | | | | | |
| 2101 12 98 | – – – Oħrajn | X | X | | X | |
| 2101 20 | – Estratti, essenzi u konċentrati, tat-tè jew matè, u preparazzjonijiet b'bażi ta' dawn l-estratti, essenzi jew konċentrati, jew b'bażi ta' tè jew matè: | | | | | |
| 2101 20 98 | – – – Oħrajn | X | X | | X | |
| 2101 30 | – Ċikwejra mixwija u sostituti oħrajn tal-kafè mixwija, u estratti, essenzi u konċentrati tagħhom: | | | | | |
| | – – Ċikwejra mixwija u sostituti oħrajn tal-kafè mixwija: | | | | | |
| 2101 30 11 | – – – Ċikwejra mixwija | | | | X | |
| 2101 30 19 | – – – Oħrajn | X | | | X | |
| | – Estratti, essenzi u konċentrati taċ-ċikwejra mixwija u sostituti oħrajn tal-kafè mixwija: | | | | | |
| 2101 30 91 | – – – taċ-ċikwejra mixwija | | | | X | |
| 2101 30 99 | – – Oħrajn | X | | | X | |
| 2102 | Ħmira (attivi jew inattivi); mikro-organiżmi oħrajn b'ċellola waħda, mejtin (imma mhux inklużi t-tilqim ta' l-intestatura Nru 3002); trab ippreparat tal-ħami: | | | | | |
| 2102 10 | – Ħmira attiva | | | | | |
| 2102 10 31 u 2102 10 39 | – – Ħmira tal-furnara: | X | | | X | |
| 2105 | Ġelat u silġ ieħor li jittiekel, kemm jekk fih il-kawkaw u kemm jekk le: | | | | | |
| | – Bil-kawkaw | X | X | X | X | X |
| | – Oħrajn | X | X | | X | X |
| 2106 | Preparazzjonijiet ta' l-ikel mhux speċifikati jew inklużi mkien ieħor: | | | | | |
| 2106 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 2106 90 10 | – – Fondues tal-ġobon | X | X | | X | X |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talħalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 2106 90 92 u 2106 90 98 | – – Oħrajn: | X | X | | X | X |
| 2202 | Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet bl-arja, li jkun fihom zokkor miżjud jew sustanzi ħelwin oħrajn jew bl-essenza, u xorb ieħor mhux alkoħoliku, minbarra meraq tal-frott jew tal-ħxejjex ta' l-intestatura Nru 2009: | | | | | |
| 2202 10 00 | – Ilmijiet, inklużi ilmijiet minerali u ilmijiet bl-arja, li jkun fihom zokkor miżjud jew sustanzi ħelwin oħrajn jew bl-essenza | X | | | X | |
| 2202 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 2202 90 10 | – – Li ma fihomx il-prodotti ta' l-intestaturi Nri 0401 | | | | | |
| | – – – Birra magħmula mix-xgħir, b'qawwa alkoħolika attwali bil-volum ta' mhux aktar minn 0.5 % vol | C | | | | |
| | – – – Oħrajn | X | | | X | |
| 2202 90 91 sa 2202 90 99 | – – Oħrajn | X | | | X | X |
| 2205 | Vermut u nbid ieħor minn għeneb frisk imħawwar bi pjanti jew sustanzi aromatiċi | X | | | X | |
| 2208 | Alkoħol etili mhux żnaturat b'qawwa alkoħolika bil-volum ta' inqas minn 80 % vol; spirit, likuri u xorb spirituż ieħor: | | | | | |
| 2208 20 | – Spirti miksuba mid-distillazzjoni ta' nbid mill-għeneb jew mill-karfa ta' l-għeneb magħsur | | | | X | |
| 2208 30 | – Whisky: | | | | | |
| | – – Min barra Bourbon whiskey | | | | | |
| ex 2208 30 32 sa 2208 30 88 | – – – Whisky, minbarra dawk elenkati fir-Regolament (KEE) Nru 2825/93 | X | | | | |
| 2208 50 11 sa 2208 50 19 | – Ġin | X | | | | |
| 2208 50 91 sa 2208 50 99 | – Ġinevra | X | | | X | |
| 2208 60 | – Vodka | X | | | | |
| 2208 70 | – Likuri | X | | X | X | X |
| 2208 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 2208 90 41 | – – – – Ouzo u spirit oħra | X | | | X | |
| 2208 90 45 | – – – – – – – Calvados, f'kontenituri li jesgħu 2 litri jew anqas | | | | X | |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti tal-halib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 2208 90 48 | – – – – – – – – Spirti oħrajn iddistillati mill-frott, f'kontenituri li jesgħu 2 litri jew anqas | | | | X | |
| 2208 90 52 | – – – – – – – – Korn, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | X | | | X | |
| 2208 90 57 | – – – – – – – – Spirti oħrajn, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | X | | | X | |
| 2208 90 69 | – – – – – Xorb spirituż ieħor, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | X | | | X | X |
| 2208 90 71 | – – – – – Spirti ddistillati mill-frott, f'kontenituri li jesgħu żewġ litri jew anqas | | | | X | |
| 2208 90 74 | – – – – – Spirti oħrajn, f'kontenituri li jesgħu aktar minn żewġ litri | X | | | X | |
| 2208 90 78 | – – – – – – Xorb spirituż ieħor, f'kontenituri li jesgħu aktar minn żewġ litri | X | | | X | X |
| Kapitolu 29 | Kimiċi organiċi: | | | | | |
| 2905 43 00 | – – Mannitol | C | | | C | |
| 2905 44 | – – D-glucitol (sorbitol) | C | | | C | |
| 3302 | Taħlit ta' sustanzi odoriferrużi u taħlit (inklużi soluzzjonijiet alkoħoliċi) b'bażi ta' waħda jew iżjed minn dawn is-sustanzi, tat-tip użati bħala materja prima fl-industrija; preparazzjonijiet oħrajn ibbażati fuq sustanzi odoriferrużi, tat-tip użati għall-manifattura tax-xorb: | | | | | |
| 3302 10 | – Tat-tip użati fl-industriji ta' l-ikel jew tax-xorb: | | | | | |
| 3302 10 29 | – – – – – Oħrajn | X | | | X | X |
| Kapitolu 35 | Sustanzi albuminojdalil lamti modifikat; Kola; enżimi: | | | | | |
| 3501 | Kaseina, kaseinati u derivattivi oħrajn mill-kaseina; | | | | | |
| 3501 10 | – Kaseina | | | | | C |
| 3501 90 | – Oħrajn: | | | | | |
| 3501 90 10 | – – Kolla tal-kaseina: | | | | | X |
| 3501 90 90 | – – Oħrajn: | | | | | C |

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Prodotti agrikoli li fir-rigward tagħhom tista' tingħata rifużjoni fuq l-esportazzjoni | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | C: ara l-Anness C | | | | |
| | | Ċereali [a] | Ross [b] | Bajd [c] | Zokkor, molassi jew iżoglukożju [d] | Prodotti talhalib [e] |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
| 3502 | Albumini, (inklużi konċentrati ta' żewġ proteini jew aktar tax-xorrox, li fihom aktar minn 80 % proteini tax-xorrox skond il-piż, ikkalkulati fuq il-materja niexfa), | | | | | |
| | – Albumini tal-bajd: | | | | | |
| 3502 11 90 | – – – Oħrajn | | | C | | |
| 3502 19 90 | – – – Oħrajn | | | C | | |
| 3502 20 91 u 3502 20 99 | – – Oħrajn | | | | | C |
| ex 3505 | Destrini u lamtu ieħor modifikat (per eżempju, | X | X | | | |
| 3505 10 50 | – – – Lamtu, esterifikat jew eterifikat | X | | | | |
| Kapitolu 38 | Diversi prodotti kimiċi | | | | | |
| 3809 | Aġenti ta' l-irtokk, sustanzi li jġorru ż-żebgħa biex iħaffu l-proċess ta' żebgħa u prodotti oħra u preparazzjonijiet (per eżempju, taħwir u murdenti), | | | | | |
| 3809 10 | – B'bażi ta' sustanzi amilaċużi | X | X | | | |
| 3824 60 | – Sorbitol minbarra dak tas-sotto intestatura 2905 44 | C | | | C | |

[a] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1510/2000 (ĠU L 174, tat-13.7.2000, p. 11).
[b] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1528/2000 (ĠU L 175, ta' l-14.7.2000, p. 64).
[c] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1516/1996 (ĠU L 189, tat-30.7.1996, p. 99).
[d] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1527/2000 (ĠU L 175, ta' l-14.7.2000, p. 59).
[e] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1528/2000 (ĠU L 175, ta' l-14.7.2000, p. 55).
[1] B'mhux aktar minn 6 % kawkaw.

*ANNESS C*

| Kodiċi NM | Deskrizzjoni | Qamħ Komuni | Qamħ ta' l-Awstralja | Majs (qamħirrum) | Ross twil mithun kollu | Ross tond mithun kollu | Barli | Zokkor abjad | Xorrox(*P-G1*) | Trab ta' ħalib xkumat (*PG2*) | Bajd fil-qoxra |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 | 8 | 9 | 10 | 11 | 12 |
| 0710 | Ħxejjex (mhux imsajra jew imsajra fuq il-fwar jew b'togħlija fl-ilma), iffriżati: | | | | | | | | | | |
| 0710 40 00 | – Qamħirrum ħelu | | | | | | | | | | |
| | – – F'forma ta' qamħ | | | 100 (1) | | | | | | | |
| 0711 | Ħxejjex ippreżervati proviżorjament (per eżempju permezz tal-gass kubrit diossidu, fl-ilma mielaħ, fl-ilma bil-kubrit jew f'soluzzjonijiet priżervattivi oħra), imma mhux tajba f'dak l-istat għall-konsum immedjat | | | | | | | | | | |
| 0711 90 30 | – Qamħirrum ħelu | | | | | | | | | | |
| | – – Fil-forma ta' widna | | | 100 (1) | | | | | | | |
